Settembru 2010 • Vol 17 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- It-30 Kors Bażiku ta' taħriġ
- Ħatra ta' 20 Surġenti fi ħdan il-Korp tal-Pulizija
- Jum il-Pulizija

u aktar...

*Newspaper Post*

GMC
TRANSPORT CO LTD

# FOR ALL YOUR LOGISTICAL NEEDS TO AND FROM THE MALTESE ISLANDS




## Services We Offer...

- Trailer Operator
- GPS Info System
- Temperature Controlled Trailers
- International Freight Forwarding
- Customs Clearing Agents
- Warehousing Storage & Packaging
- Domestic Haulage
- Airfreight & Container

**Address**
113, GMC TRANSPORT, Simpson Street, Marsa, MRS 1607, Malta

**Phone**
00356 2559 7000

**Email**
info@gmc.com.mt

**Web**
www.gmc.com.mt




**Cover:**
Il-Bust ta' Roger Debattista.

Ir-ritratt ġie meħud
PS 516 Alfio Borg

Settembru 2010 • Vol 17 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ













5 Editorjal

7 It-30 Kors Bażiku ta' taħriġ

15 Serata kommemorattiva fl-Okkazjoni tal-kxif ta' Bust Roger Debattista ġewwa Triq il-Ħlas Ħal-Qormi

19 Apparat tal-GPS fil-vetturi tal-Korp

20 Kappelli fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

22 L-Okkorrenzi

24 Ħatra ta' 20 Surġenti fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

26 Omelija mill-Arċisqof ta' Malta Pawlu Cremona f'Jum il-Pulizija

29 Fl-Okkazjoni tal-195 sena mit-twaqqif tal-Korp

39 Il-parteċipazjoni tal-Pulizija ta' Malta fil-158 Anniversarju mit-twaqqif tal-Pulizija tal-Istat Taljan

44 Apprezzamenti

47 Niltaqgħu mas- Surgent-Maġġur 24 Josephine Gauci

51 Għoti ta' Ċertifikati

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Mejtin

## IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Is-Sur Mr. Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters,
Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN

TA' MONITA
RESIDENCE
MARSASCALA

# SETTING STANDARDS IN THE SOUTH









Aiming to set new standards for development in the south of the island, Ta' Monita Residence in Marsascala offers studio flats and 1, 2 and 3 bedroom apartments and penthouses along with a swimming pool, a piazza and underground parking. The low building density, lavish sensitive landscaping and unusually attractive elevations go a long way towards upgrading the locality.

Ta' Monita Residence is a Special Designated Area which means that foreign purchasers buy under the same conditions as Maltese Nationals, i.e. no government permits are required and one may let out the property and buy in the name of individuals or companies. Ta' Monita Residence is being developed by TumasGasan Holdings Ltd; a joint venture between two leading Maltese developers.

**Ta' Monita Residence Site Sales Office**
Triq San Guzepp, Marsascala
Tel: +356 2711 6116 Mob: +356 7711 6116

1052 Portomaso, Malta PTM 01
Tel: +356 2138 6802
E-mail: propertyinfo@tumas.com

**www.tamonita.com**

SHOW FLAT AVAILABLE FOR VIEWING

TUMAS GROUP
GASAN GROUP OF COMPANIES

## Editorjal

Kulħadd jieħu pjaċir meta jħares lejn l-arloġġ u jara li x-xift ikun spiċċa b'wiċċ il-ġid. U meta ngħid b'wiċċ il-ġid nażżarda niġbed ukoll dawk il-ġranet li kif jgħid il-Malti meta tħabbat iftħilha u ħalliha tgħaddi.

Ftit ilu ltqajna ma' esperjenza li nixtiequ naqsmu magħkom, u dan nagħmluh biex nitgħallmu u ma nagħmlux l-istess żbalji u jkun hemm konsegwenzi mhux mixtieqa.

Mhux l-ewwel darba li meta jkun qed jinħadem xi inċident fuq il-post naraw il-ġurnalisti. Sakemm dawn iżommu d-distanza tagħhom sabiex jagħmlu xogħolhom ma hemm xejn ħażin. Il-problema tinqala' meta l-partijiet involuti jħossuhom urtati bil-preżenza tal-ġurnalisti, bil-Pulizija ħafna drabi jkollha tintervjeni sabiex ma jseħħx xi inċident ieħor.

Biex niġi għal punt. Il-ġurnalist għandu d-dritt li jkun fuq il-post sabiex jirraporta dak li jkun ġara jew qed jiġri, u bi dritt ukoll li jkun protett mill-Pulizija. Issa rridu nkunu aħna li naraw li ma jinqalgħux inċidenti ulterjuri. Il-koperazzjoni bejn iż-żewġ partijiet hija importanti u dan iseħħ biss jekk aħna nagħmlu xogħolna sew, u dan sabiex ħadd ma jipponta subgħu lejna li ma nkunux għamilna xogħolna sew.

U minn dan niġi għat-tieni punt. Mhux l-ewwel darba li ġurnalist iċċempel f'dan l-Uffiċċju għax ikollu informazzjoni fuq xi każ li jkun għadu kif seħħ. Ħafna drabi, ikunu l-ġurnalisti stess li jinfurmawna u jtuna d-dettalji kollha. Hija ftit umiljanti hux?

Ma aħniex ngħidu li dan l-Uffiċċju għandu jkun l-ewwel fil-lista li jiġi nfurmat, imma ma jkun ġara xejn jekk issir telefonata mill-Orderly li tinfurmana li fit-tali post u t-tali ħin ġara t-tali inċident. Nifhmu li sakemm wieħed jasal fuq il-post u jara x'ġara irid il-ħin, imma ma naħsibx li hija aċċettabbli li sa sagħtejn wara ma nkunu għadna nafu xejn.

Hija wkoll verita' li meta individwu jiddaħħal l-Isptar irridu nistennew mit-tobba sabiex jikkonfermaw it-tip ta' ġrieħi li l-persuna tkun sofriet.

Il-punt wara dan l-Editorjal huwa li l-informazzjoni tingħata tajba u fil-ħin biex b'hekk tinqata' l-ħafna kritika żejda li l-Pulizija taqla' mingħand kulħadd.



GO SPORTS

# Live & exclusive on GO sports - Switch now!

Switch now for free to the best sports network - exclusive home to Barclays Premier League, Serie A and much more.

## Thrilling action with GO from only €19.99




© Action images Limited

BARCLAYS PREMIER LEAGUE

SERIE A

mobile
tv
phone
internet

GO

Visit our outlets or call us anytime on Freephone **8007 2121**
**www.go.com.mt**

MADE FOR YOU

GO sports is available as an optional add-on to Silver and Gold tv. Barclays Premier League and Serie A are exclusive to GO from season 2010/2011. Terms & Conditions apply.

# It-30 Kors Bażiku ta' taħriġ

WPC 101 R. Grima, WPC 280 R. Camilleri - CMRU



## Ir-reklutaġġ.....

Fl-aħħar xhur ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija kien qiegħed isir taħriġ ta' numru sostanzjali ta' rekluti sabiex fil-jiem ta' wara jilħqu pulizija biex iservu b'umilta' u solenita' lejn ir-Repubblika ta' Malta.

Iċ-ċentru tal-Media fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ħa l-inizjattiva sabiex jintervista lil xi rekluti qabel ma jilħqu Pulizija u jieħu kummenti u ideat kemm fuq it-taħriġ li segwew, l-influwenza familjari (jekk kien hemm), x'ġegħelhom jew aħjar x'aspirhom li jidħlu għall-karriera ta' Pulizija, jaħsbux li huma preparati għal dan ix-xogħol wara taħriġ akkademiku u teoretiku tagħhom, hemmx il-ħtieġa ta' tibdil fl-andament ta' taħriġ li għaddew minnu, u oħrajn.





Kien impossibbli fi żmien qasir li wieħed jasal li jintervista lil kull rekluta u għalhekk din saret ma' erba' rekluti. Ir-rekluti kienu, rekluta numru 44 Graziella Sciberras, rekluta numru 103 Ian Camilleri ta' 21 sena, rekluta numru 125 Keith Rizzo u rekluta numru 57 Christabelle Chetcuti li mingħajrhom żgur qatt ma setgħet issir l-intervista u għalhekk nirringrazzjawhom.

Il-metodu użat għal intervista ma kienx wieħed individwali imma bħala grupp u għalhekk ħadet forma aktar ta' diskuzzjoni milli mistoqsija u risposta. Ir-rekluti qagħdu għal mistoqsijiet bħal:

**1. X'ġagħlek tapplika għal Pulizija?**

Mhux kollha kellhom l-istess ħeġġa sabiex japplika jew tapplika. Joħorġu punti pożittivi li mhux biss għax kellhom ħajra meta kienu zgħar, jew kellhom influwenza











għax missierhom, ziju, kuġin, etc huma membri fil-Korp, imma ħarġu kummenti li m'applikax minn meta kien iżgħar għax ried ikun aktar matur, jkun aktar konxju li l-għażla li għamel hija waħda tajba, li wieħed ikun irrifletta tajjeb qabel ma għamel għażla anki jekk kellu xi qarib li diġa huwa membru fil-Korp. Joħroġ punt interresanti wkoll, illi r-rekluti ma qadux biss fuq dak li jgħidilhom il-qarib li diġa' qiegħed fil-Korp, imma tkixfu fuq id-dmirijiet u d-doveri ta' pulizija imbagħad ħadu l-pass u applikaw. Illum iħossuhom ixxurtjati li jinsabu jitħarrġu sabiex isiru membri fil-Korp, kważi kważi diġa' għandhom sieq waħda fil-Korp.

**2. Kien hemm xi persuni li nfluenzawk sabiex tidħlu fil-Korp tal-Pulizija jew sabiex ma tidħlux?**

Meta tasal biex tieħu l-pass li tapplika u tirċievi li tkun ġejt aċċettat biex tidħol għat-taħriġ u sakemm tilħaq bħala membru fil-Korp, żgur u bla dubju ħareġ mid-diskuzzjoni li b'mod dirett u indirett ikun hemm xi nfluwenzi minn membri tal-familja jew qraba li jkunu diġa' membri. Il-kummenti mogħtija jagħtu varjazzjoni ta' kif jindaħlu fl-għażla tal-persuna membri tal-familja bħal, "isma' taf għalxiex dieħel?", "taf li għandek impenn meta tkun pulizija", "konxju tas-sogru li dieħel għalih", u ħafna kummenti simili. Imma r-rekluti fid-diskussjoni ħadu dawn l-influwenzi bħala pożittivi għax tinħoloq diskussjoni pożittiva familjari li twassal sabiex id-deċizzjoni tkun waħda għaqlija. Iżda anki jekk f'ċirkostanzi ma kienx hemm qbil jew id-diskusjoni ma kienetx waħda pożittiva, xorta r-rekluti jikkumentaw li l-aħħar deċizzjoni dejjem tħalliet f'idejhom mingħajr aktar indħil.

**3. Wara t-taħriġ tħossok li int Pulizija komplet? U għaliex?**

It-taħriġ ta' rekluta kien deskritt bħala wieħed bażiku li jilħaqq id-doveri u d-dmirijiet li membru tal-Korp għandu jservi b'lealta', umilta' u sovranita' mingħajr ma jxxaqleb lejn ħadd u fuq linji gwida legali u proċedurali. Jirriżulta illi għalkemm kien it-taħriġ fih innifsu huwa aktar teoretiku milli hands on, iħossu li l-esperjenza tagħmlek "il-Pulizija ideali". Jinsistu li kważi qatt ma tista' tkun pulizija komplett għax dejjem hemm x'titgħallem, kemm akkademikament kif ukoll fuq il-lant tax-xogħol. Iħarsu li meta jibdew jaħdmu fuq ix-xogħol tal-pulizija, hemmhekk jibdew jakkumullaw l-esperjenza li hija parti essenzjali fix-xogħol għalkemm jagħrfu li mhux kull każ huwa identiku ma' każ simili ieħor bħalu.

**4. Meta toħroġ mill-Akkademja u għal xi raġuni tkun għal xi mument waħdek ġewwa l-Għassa, int tħossok preparat?**

Il-kummenti kienu pożittivi li wieħed iħossu ppreparat imma dejjem b'riżerva għax konxji tal-fatt li m'humiex waħidhom, dejjem għandu s-Surġent li jistgħu jirreferru għal pariri u għajnuna jew pulizija oħra ta' esperjenza. Jidher li l-motivazzjoni u ħeġġa qegħdin hemm li lesti jaħdmu u jitgħallmu u jkunu servili lejn iċ-ċittadini Maltin u anki persuni barranin. Inħossu li fuq il-lant tax-xogħol qatt ma jistgħu jkunu waħidhom għax dejjem hemm xi ħadd li jistgħu jagħmlu referenza lilu għal pariri u mudelli ta' kif wieħed għandu jaġixxi għal rapporti varji tal-pubbliku. Żgur u mhux l-inqas, ma jħossux li huma superjuri imma membri ġodda fil-familja tal-Korp.

**5. Kif kien imqassam it-taħriġ? Taħseb li huwa mqassam sewwa?**

Kumment ġenerali kien li t-taħriġ huwa imqassam tajjeb imma saret refer-

enza kontinwa għat-taħriġ fiżiku. Iħossu li t-taħriġ fiżiku għandu jiżdied u li dan għandu jseħħ kull filgħodu sabiex hekk ikun hemm rutina kostanti, u tilħaqq l-għanijiet kemm dawk tat-taħriġ kif ukoll personali. Iħossu li dan ma laħaqx l-għan li wara li wieħed jilħaqq pulizija, dan it-taħriġ għandu jkun imnaqqax fid-djarju ta' kull membru tal-Korp li jagħmlu b'rutina sabiex iżomm lilu nnifsu fiżikament imħareġ, u b'saħħtu.





**6. X'differenza tara fejn qabel kont ċittadin u issa ħa tkun Pulizija, bniedem li trid iżomm l-ordni u l-paċi pubblika, fost affarijiet oħra. Tara xi differenza?**

Bla dubju, jgħidu li qabel ma kontx nagħti każ ta' ċertu affarijiet u l-imġieba kif jaġixxu, imma minn meta, jew wara ftit xhur ta' taħriġ fl-Akkademja, jħossuhom li saru aktar konxji ta' xi jkun għaddej madwarhom, u jinnutaw il-ksur ta' liġi aktar minn qatt qabel. It-tibdil fl-imġieba, u wkoll fil-karattru tagħhom, jħossuhom aktar iddixiplinati, u konxji li qegħdin jirrappreżentaw lill-Korp tal-pulizija bl-imġieba u l-aġir tagħhom. Iħossu li saru kapaċi jinnutaw u jiddentifikaw ir-reati u kontravvenzzjonijiet – fi kliem iqsar iħossuhom li saru viġilanti għal ksur tal-liġi, u maturi aktar.



**7. X'esperjenza kellkom meta mortu f'Sezzjonijiet jew fid-Distrett?**

Il-grupp tar-rekluti jindikaw li kienu f'diversi sezzjonijiet fil-Korp bħal fid-Distretti, Divizjonijiet, u wkoll ġewwa Skwadri speċjalizzati. Għarrfu li f'kull parti tal-Korp, inti pulizija li tara li l-liġi ma tinkisirx jew jekk tinkiser għandek tieħu passi mmedjati sabiex tinvestiga, tiġbor il-provi u l-evidenza tkun ippreservata, u l-awtur u l-kompliċi jiġi/u arrestati, interrogati u mressqa l-Qorti sabiex iwieġbu għal ksur li jkunu għamlu. Ħarsu lejn dawn l-attachments bħala tajbin għax tkun hands on u tieħu l-esperjenza.



**8. Tħoss li għandu jinbidel xi ħaġa fil-kors?**

Il-grupp tar-rekluti enfasizza li t-tqassim tal-eżamijiet għandhom isiru aħjar sabiex wieħed ikun jista' aktar jikkonċentra fuq l-eżami partikolari u jkun jista' jistudjah aħjar, u jiġi ikkalkulat aħjar iż-żmien ta' meta isiru l-eżamijiet. Aktar qabel ukoll issemma' li għandu jiġi applikat aħjar it-taħriġ fiżiku u li għandu jsir kuljum, kull filgħodu mar-radd tas-salib, sabiex hekk ikun wieħed ta' rutina fir-rekluta li jkun qiegħed jattendi t-taħriġ, u mat-tmiem tat-taħriġ ikun fiżikament ippreparat, u mħarreġ sabiex jibqa' jagħmel l-istess taħriġ ukoll meta jispiċċa l-Akkamdemja.



Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk li ħadu sehem f'din l-intervista jiġifieri r-rekluti indikati aktar qabel, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kmandant tal-Akkademja Ronald Kelly u l-Ispettur Stephen Mallia għall-kolloborazzjoni u assistenza sabiex din l-intervista setgħet isseħħ bl-aktar mod effiċjenti u professjonali.

L-għan ta' din l-intervista hu wieħed - li jinħoloq għarfien ta' ideat u kummenti mill-istudent/i li jattendu ġewwa l-Akkademja sabiex b'hekk it-taħriġ, jekk hemm il-ħtieġa li jitjieb, dan it-titjib iseħħ u żgur u mhux l-inqas, il-gwadann ta' dan ser ikun tal-istudent/i, l-għalliema, u l-uffiċjali li qegħdin imexxu l-Akkademja li jħossu l-polz tal-istudent sabiex it-taħriġ ta' suċċess, u l-membru l-ġdid fil-familja tal-Korp iħossu mill-bidunett bħala membru aċċettat fil-familja hekk kbira u varja tal-Korp tal-Pulizija.




**BOV Financial Planning**

## ikseb is-serħan tal-moħħ għalik u għal uliedek

Li toħloq bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja kif ukoll tieħu deċiżjonijiet li jħallu impatt fuq il-futur ta' uliedek, huma sfidi kbar. Aħna nafu kemm hu prezzjuż il-ħin tiegħek, u għalhekk nimpenjaw ruħna biex nagħtuk parir finanzjarju professjonali u soluzzjonijiet li jgħinuk takkwista fiduċja fil-futur tiegħek u dak ta' uliedek.

**Kellimna issa għall-parir finanzjarju professjonali b'xejn - 2131 2020**

www.bov.com

Il-Bank of Valletta p.l.c. huwa liċenzjat sabiex jipprovdi servizzi ta' investiment mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji.

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 27476

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

**.... Il-Pass Out**

Dalgħodu, nhar it-22 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tad-disgħa wasalt l-Akkademja tal-Pulizija biex bħala uffiċċju (CMRU) nirraportaw l-Passing Out Parade tar-reklutaġġ li għadu kif ġie fi tmiemu.

Il-ġenituri, ħbieb u partners tar-rekluti kienu qegħdin ħerqana barra l-parade ground jistennew l-avveniment li tant kienu qegħdin jistennew. Kollha armati b'cameras u anzjużi biex ir-rekluti jibdew il-parata u jieħdu l-ġurament.

Il-qraba kienu anzjużi, imma ma kienux jibdew mat-tension u l-istress li kien hemm fil-parade ground. Tifihmom hux ... kollha għaddejna minnha l-esperjenza tal-parata. Tibda tibża` li ħa taqa`, li ħa taqleb il-pass, li għandek xi ħaġa ħażina fl-uniformi jew li nsejt xi ħaġa, apparti l-fatt li trid tagħmel mezz kif il-ġenituri jkunu proud bik.

Barra minn hekk, l-iktar ħaġa importanti hija li inti taf li ħa ssir Pulizija.

U kif qal il-Kummissarju waqt kelmtejn tal-okkazjoni, "ix-xogħol tal-Pulizija mhux sempliċi xogħol ieħor. Pulizija xogħolu huwa li jaqdi u jservi liċ-ċittadin u lill-komunita` li jgħix fiha.... Pulizija jfisser li inti qiegħed hemm biex taqdi liċ-ċittadin u tgħinu fi kwalunkwe ħaġa li jkollu bżonn, kemm fil-ferħ, kif ukoll fid-dwejjaq, riskju jew periklu. Perikli li ħaddieħor jaħrab minnhom u inti bħala Pulizija trid tiġri lejhom u tidħol fihom b'dover".

L-importanza ta' xogħolna kompla jisħaqq fuqha l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, l-Onor. Dr Carm Mifsud Bonnici LL.D., li qallhom li, "malli ħadtu l-ġurament bħala uffiċjali tal-Pulizija, intom ġejtu investiti bil-poter li l-Istat demokratiku jafdalkom. Lanqas il-Presdient, il-Prim Ministru u jien bħala Ministru responsabbli mill-Pulizija m'għandna dan il-poter. Dan hu poter li m'għandu qatt jiġi abbużat iżda għandkom tużawh b'reqqa kbira u b'responsabbilita` ikbar. Barra minn dawn il-poteri għandkhom ukoll dmirijiet. Intom għandkom id-dover li tapplikaw il-liġi mingħajr biża` u mingħajr favuri ... Intom tridu tiddefendu lill-pubbliku mill-kriminali".

Waqt iċ-ċerimonja formali intqalet talba mill-Kappillan tal-Korp, Fr Raymond Bonnici, fejn sellem lill-Pulizija kollha speċjalment dawk li tilfu ħajjithom waqt ix-xogħol tagħhom. Inqara ukoll messaġġ minn rappreżentant tar-rekluti, PPC 813 Clinton Vella, fejn qal li r-rekluti b'demm frisk, żagħżugħ u entużjast, qed iwegħdu li ser jaħdmu u jagħmlu ħilithom biex ikunu dejjem hemm għaċ-ċittadin u biex iservu l-pajjiż.

Il-Banda tal-Korp tal-Pulizja, immexxija mill-Ispettur Anthony Cassar akkumpanjat il-parata kollha b'mużika li dejjem tiġi assoċjata mal-Passing Out Parade ... li tqajjem aktar emozzjonijiet fuq kulħadd.

**Irnexxielna nieħdu l-kummenti ta' żewġ rekluti ftit minuti biss qabel bdew il-parata.**

PWPC 316 Ruth Debono qaltilna li bħalissa eċitata ħafna għax dak li ilhom jistennew ser isir realta' fi ftit ieħor. Meta mistoqsija x'tistenna mill-karriera ta' Pulizija la darba tilħaq Kuntistabbli hija qaltilna kif tixtieq li tkun għall-qalba u taħdem bħala tim mal-Pulizija l-oħra li ser tkun magħhom xogħol. Ruth qaltilna ukoll kif tispera li matul il-karriera tagħha jgħaddi kollox b'wiċċ il-ġid



PPC 731 Keith Vella - L- Ewwel Post



PWPC 292 Rosemarie Spiteri - t-Tieni Post



PPC 1134 Daniel A Agius - it -Tielet Post



PPC 813 Clinton Vella - PC Mark Farrugia Award









u li ħadd ma jweġġa`.

PPC 427 Christopher Hili kien naqra inqas eċitat mill-kollega tiegħu Ruth. Huwa qalilna li jinsab normali iżda ħerqan li ftit tal-mumenti oħra ser jilħaq fir-rank ta' Kuntistabbli u jkollu karriera fil-Korp tal-Pulizija.

Il-banda mmarċjat, l-ispezzjoni tal-parata saret, il-ġurament ingħata, saret għotja ta' premijiet, intqalu d-diskorsi tal-okkazzjoni u l-brieret u l-kpiepel ittajjru 'l fuq ... il-parata għaddiet b'wiċċ il-ġid u issa r-rekluti saru kollha Kuntistabblijiet tal-Pulizija.

Wara li għollew il-kpiepel, il-Pulizija ltaqgħu mal-familjari u l-ħbieb. Ix-xena li stajt nara quddiemi kienet waħda li temozjonak. Fost ħafna cameras u pożi stajt tara tgħanniq, dmugħ u ħars ta' sodisfazzjon. Kollha permessibbli wara disa` xhur drill, lezzjonijiet, training u eżamijiet.

Tkellimt ma' tliet Pulizija ħalli naraw naqra kif qed iħossuhom issa li temmew il-kors.

PWPC 318 Amanda Pickard qaltli li tinsab eċitata u bla kliem imma tħossha kburija ħafna li wara l-ħidma kollha li għamlet hi u sħaba ħadu l-frott tax-xogħol. Mistoqsija fuq iż-żmien li qattgħu l-Akkademja, Amanda qaltilna li għal bidu x-xhur kienu jidhru twal imma imbagħad bdew għaddejjien malajr u issa li għaddew kollha għaddew qishom ħolma u qed tistenna li dak li tgħallmet l-Akkademja issa ħa tattwah fil-prattika u ser tkun disposta għaċ-ċittadin għal dak kollu li jkollu bżonn.

PPC 747 Charlon Brincat qal li jinsab sodisfatt ħafna u ħerqan ħafna għax-xogħol li ħa jiltaqa` miegħu. Charlon semmielna kif disa' xhur ilu iltaqgħu bħala rekluti, kif marru d-distretti u l-ispecial branches, iltaqaw ma' fizzjali, Surġenti u Pulizija oħrajn u bdew isiru jafu x-xogħol tal-Pulizija.

PPC 1333 Andre' Farrugia qalilna li wara disa' xhur stennija jinsab eċitat għax laħaq Pulizija wara li għamel l-almu u l-ħidma tiegħu saru realta`. Andre` saħaq li huwa jinsab lest biex jibda jaqdi d-dmirijiet bħala Kuntistabbli tal-Pulizija. Qalli ukoll kif il-kors beda għaddej bil-mod għal ewwel u kienu lkoll mbeżżgħa, iżda wara ċertu żmien bdew jidraw ix-xogħol ta' Pulizija u jiffamiljarizzaw ruħhom mas-sistema u x-xogħol. Andre` qal ukoll kif dejjem kienu jgħidulhom li l-Akkademja huwa l-isbaħ żmien, biss ma kienux jagħtu daqshekk każ anzi kienu jħossuha differenti u kienu jgħidu iġri jgħaddi pero` illum il-ġurnata jaħsiba differenti.

Flimkien ma' Andre` Farrugia, kien hemm missieru li huwa s-Surġent 1334 Charles Farrugia stazzjonat l-SAG fejn meta kellimtu naqra qalli li jinsab emozzjonat ħafna għax l-Akkademja jsir id-drill, lezzjonijiet u ħafna aktar u tara lil ibnek f'dan il-post hija emozzjoni kbira. Aktar u aktar meta taf li kienet il-ħolma tiegħu minn ċkunitu, tant li meta Andre` kien għadu tarbija, fil-quċċija għażel l-emblema tal-Korp u qatt ma saritlu pressure sabiex jidħol fil-Korp tal-Pulizija. Huwa kompla jisħaq li bħala missier, kien urih ix-xogħol minn qabel applika x'inhu għax kien jara lilu stess. Is-Surġent Farrugia qalilna xogħolna jkun mimli suċċessi u aċċidenti u t-tifel tiegħu dan rah u sar jaf bih qabel għax għadda minnhu f'daru stess.

130 rekluta bdew il-countdown għal ħamsa u għoxrin sena servizz .. jew aktar ....


24
Hour
SERVICE
ANIMAL AMBULANCE
for injured abandoned stray animals
2122 4001
Ministry for Resources
and Rural Affairs
www.mrra.gov.mt
ANIMAL-WELFARE

# A Professional Blend of Local Bonds

## Vilhena Malta Government Bond Fund

**3.65%***



- *Income Yield as at 30.07.10
- Diversification - A portfolio of Maltese Government Bonds
- Classes of shares - A choice of Accumulator or Distributor
- Liquidity - Access to your money at short notice
- Monthly Investment Plan - From €50 per month

Past performance is not a guarantee to future performance.

VALLETTA FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Bank of Valletta Group

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licenced Financial Intermediaries

* Income Yield net of the Fund's fees and expenses as at 30th July 2010. This yield, which constitutes the income that the assets of the Fund generate in relation to their value or market, and the frequency of payment may vary and are not guaranteed.

The value of the investment may fall as well as rise and any initial charges may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management ("VFM"), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The Vilhena Funds SICAV plc is licensed as a Collective Investment Scheme, qualifying as UCITS, by the MFSA. This press advert has been issued by VFM, Issued by VFM, TG Complex, Suite 2, Level 3, Brewery Street, Mrieħel BKR 3000. Tel: 21227311, Fax: 21234565, Email: infovfm@bov.com, Website: www.vfm.com.mt Source: VFM

# Serata kommemorattiva fl-Okkazjoni tal-kxif ta' Bust Roger Debattista ġewwa Triq il-Ħlas Ħal-Qormi

WPC 25 C. Cilia - CMRU



Nhar it-22 ta' Lulju 2010, fi Triq il-Ħlas, Ħal Qormi ġiet iċċelebrata serata kommemorattiva fl-okkażjoni tal-kxif ta' bust Roger Debattista. Iċ-ċerimonja bdiet b'marċ qasir mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija minn Triq Tumas Fenech sa Triq il-Ħelsien. Wara li saret l-introduzzjoni ndaqqet silta mużikali fejn imbagħad iċ-ċerimonja kompliet bil-qari ta' poeżija miktuba u moqrija mis-Supretendent Raymond Vella Gregory li ġġib l-isem ta' *Roger Debattista – Martri u eroj.*

F'kelmtejn tal-okkażjoni s-Sindku tal-lokal, is-Sur Jesmond Aquilina, spjega li kien qed iħossu onorat li jinsab iwassal messaġġ fejn qed jingħata ġieħ lil persuna li ħalliet ħajjitha waqt il-qadi ta' dmirijietha. Huwa spjega kif l-eżempju li tana l-ex-kollega Roger Debbatista għandu jgħallimna kemm ir-rwol tal-Pulizija huwa ta' mportanza kbira u li xi kultant dan ir-rwol ma jiġix apprezzat minn kulħadd.

Huwa importanti *li m'għandhomx ikunu inċidenti sfortunati bħal dawn li jfakruna fl-importanza tar-rwol tal-Pulizija.* Is-Sindku ħa l-okkazzjoni ukoll sabiex jirringrazzja lill-Pulizija, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fil-lokalita' ta' Ħal Qormi, li dejjem ħadmu id f'id mal-Kunsill sabiex ir-rata ta' kriminalita' tonqos kif fil-fatt ġara.

Il-Kummissarju tal-Pulizija fid-diskors li ħejja għal din l-okkazzjoni spjega kif il-jum tat-12 ta' Novembru 2001 se jibqa' mfakkrar bħala wieħed mill-aktar jiem suwed li kellna fl-istorja tal-Korp. Il-każ tal-kollega Roger kien wieħed ikrah wisq u kien ixxokkja lil bosta, fosthom l-għeżież familjari u ħbiebu fil-Korp.



*Miet biex jonora l-ġurament tal-ħatra u ta' lejalta' lejn ir-Repubblika ta' Malta li huwa ħa meta għażel li jidħol biex iservi fil-Korp.* Roger kien deskritt mill-Kummissarju bħala Pulizija ta' veru, eżemplari u mudel ta' kif għandu jġib ruħu Pulizija waqt il-qadi tad-doveri, Pulizija li jiġġieled il-kriminalita' biex iżomm pajjiżna salv u sikur. *Kien Pulizija li kien lest iħallas b'demmu biex jipproteġi s-soċjeta' mill-kruha tal-kriminalita'.*

Is-Sur Rizzo rringrazzja lis-Sindku tal-ħsieb nobbli tiegħu, talli appreza u ftakar fl-att kuraġġjuż u erojku ta' Roger. Il-mafkar, apparti li ħa jfakkarna fil-kollega tagħna, ħa jservi ukoll bħala mezz ta' edukazzjoni u mudell għaż-żgħażagħ. Il-pajjiż għandu ulied serji u lejali li lesti li jħallsu b'ħajjithom biex jipproteġu u jsalvaw lil ħaddieħor. Il-Kummissarju għalaq id-diskors tiegħu fejn wera'




SAINT JAMES
HOSPITAL
*Because our family cares*

# TAQSIMA KURA MEDIKA IMMEDJATA

## 24 siegħa kuljum, is-sena kollha.

Għandek problema? Ma tiflaħx? Muġugħ? Weġġajt? Għalfejn tistenna sigħat sħaħ meta tista tinqeda malajr fl-Isptar Saint James?

**Ejja u nqeda malajr fl-Isptar viċin tiegħek!**

ĊEMPEL ISSA FUQ
ĦAŻ-ŻABBAR 21 692 055
SLIEMA 21 335 235

malta
SLIEMA
ZABBAR
MOSTA
TRANSFORMA COSMETIC CLINIC
international
TRIPOLI
BUDAPEST




















s-sobgħa tiegħu lill-familjari u ħbieb għat-telfa kiefra u f'isem il-membri kollha tal-Korp irringrazzja mill-qalb lil Roger ta' l-għan nobbli tiegħu.

Kien imiss imbagħad lill-Ministru tal-Intern, Onor. Dott. Carmelo Mifsud Bonnici jagħmel id-diskors tiegħu, fejn huwa skuża ruħu mal-familjari ta' Roger għal fatt li *konna qegħdin nerġgħu niftħu ferita fil-qalb tagħhom, pero' l-pajjiż, speċjalment ir-raħal ta' Ħal Qormi, ma setax ma jonorax lir-Roger.* Il-Ministru qal li mhux faċli tagħmel diskors bħal dan u tiġi f'diffikulta' x'ħa taqbad tgħid quddiem xhieda ta' persuna li tat servizz u ħajjitha għas-soċjeta' u l-poplu.

Huwa stess qatt ma kien iltaqa' u ma kienx jaf personali lir-Roger. Sar jafu mill-qrib permezz tad-diskors ta' tifħir li kien jitkellem dwaru l-Kummissarju tal-Pulizija. Roger kien eżemplari fix-xogħol li wettaq ta' protezzjoni u dan il-mafkar kien għas-sagrifiċċju tiegħu, għall-kuraġġ li wera' meta ma ħarabx minn arma tan-nar, imma minflok baqa' hemm fil-post u dan huwa l-eżempju għal min irrid ikun għas-servizz tal-poplu. *Kull membru tal-Korp ħaqqhom ġieh u tifħir għax-xogħol ta' kuljum għax hawn ħafna Pulizija li jagħtu eżempju bix-xogħol tagħhom.*

Wara d-diskorsi u d-daqq tal-fanfarra nkixef il-Bust mill-Kummissarju tal-Pulizija flimkien mas-Sindku. Il-Kappillan tal-Pulizija, Patri Raymond Bonnici, qasam il-ħsieb spiritwali tiegħu filwaqt li ntqalet talba qasira bil-parteċipazzjoni tal-mistiedna preżenti għal ruħ Roger Debattista.

Tul iċ-ċerimonja kollha wieħed ma setax ma jinnotax id-dieqa u d-dmugħ f'għajnejn il-ġenituri ta' Roger. Tqiegħdu buketti ta' fjuri mill-ġenituri ta' Roger, mit-tlett itfal bniet tiegħu, li ma setgħux ma jnisslux dieqa fil-qlub ta' dawk preżenti, meta telgħu b'bukett fjuri kull wieħed li għaqdu l-kelma "DAD". Il-Kummissarju tal-Pulizija, rraprezentant tal-fergħa tal-Bank of Valletta, l-Kunsill Lokali u diversi persuni u għaqdiet oħra ppreżentaw il-bukkett tagħhom quddiem il-bust.



F'jum l-inawgurazzjoni tal-Mafkar
F'ġieh il-Kuntistabbli

**Roger Debattista**

***Martri u eroj***

*22 ta' Lulju 2010*

Kibja t-tokki ta' dik il-qanpiena
Li ta' mewtek xandret l-aħbar
Vittm' int kont ta' tiri bla ħniena
Tnikktu lkoll kemm żgħar u kemm kbar

Kienet ġrajja li fostna biss ġabet
Dieqa kbira u anke dulur
U familtek il-mirra dlonk daqet
Għax bla Roger x'se jkun il-futur?

Iżda int qdejt dmirek sal-aħħar
Inti martri li tibqa maħbub
Inwegħduk quddiem dan il-mafkar
Post mill-egħżież f'tagħna il-qlub

Bla ma bżajt int xerridt anke demmek
Żammejt sammi l-wegħdiet li kont tajt
Ħadd u xejn ma bidillek dik fehmtek
U sal-aħħar leali kont bqajt.

Int għalina żgur bniedem qalbieni
Tibqa f'qalbna l-eroj ta' kull żmien
Qalb is-sħab li jdallam sewdieni
Inti ħriġt b'tal-qawsalla l-ilwien

Illum fost l-anġli tinsab int ferħan
Mal-martri qiegħed f'tas-sema t-tgawdija
Ħdejn il-qaddis ta' qalbek San Gejtan
Fi ħdan il-Mulej u Ommna Marija

Raymond Vella Gregory

Iċ-ċerimonja ġiet fit-tmiem tagħha permezz tad-daqq tal-Innu tal-Pulizija segwit mill-Innu Malti. Ir-ringrazzjament għal dan il-bust immur għall-artist Stephen Borg, l-iskultur Joseph Spiteri u l-marmista Mario Caruana kif ukoll għal kull min b'xi mod jew ieħor ta l-kontribut tiegħu.

Minn qalbna nawguraw sabar u hena lill-qraba kollha u l-ħbieb tal-kollega tagħna, kif ukoll nitolbu 'l Alla sabiex jagħti l-mistrieħ mistħoqq lil Roger Debattista.


GLOCK®
PERFECTION
SPECIAL OFFER ON ALL GLOCKS
TO ALL POLICE OFFICERS
fieldsports
FIREARMS & AMMUNITION
17 Parish Square, Mellieha MLH1070
Tel 21522602, Mob 99458801
email info@fieldsportsmalta.com
www.fieldsportsmalta.com

# Apparat tal-GPS fil-vetturi tal-Korp.

Spettur A. Agius - Taqsima Mobbli




Dan l-aħħar il-Korp tal-Pulizija ntroduċa apparat msejjaħ 'G.P.S', il-Global Position System li fi ftit kliem hu apparat elettroniku li jindika l-pożizzjoni ta' vettura tkun xi tkun komparata ma' mappi diġitali li jkunu fis-sistema. Dan l-apparat ġie ntrodott għall-ewwel darba fil-vetturi tal-Iskwadra Mobbli f'Ġunju tal-2009 wara li saret talba għal tal-apposta sabiex il-units ta' din l-Iskwaddra jnaqqsu fil-ħin li jaslu biex jassistu fuq inċidenti ta' prijorita'.

F'din l-Iskwaddra t-tnaqqis tar-response time hu wieħed mill-aktar oġġettivi 'mportanti li jrid jintlaħaq. Il-GPS serva sabiex l-uffiċjal passiġġier (operatur tar-radju) jippjana r-rotta tal-vettura fuq biċċa xogħol bi preċizzjoni, partikolarment f'dawk l-indirizzi u lokalijiet mhux daqshekk magħrufa.

Għalhekk f'Ġunju 2009 kienu nxtraw 30 sett tal-GPS, fejn ġew utilizzati fuq il-vetturi kollha tal-Iskwadra Mobbli u oħrajn użati mid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali.

Dan l-apparat għen biex kif għidna jitnaqqas il-ħin li tasal vettura fuq il-post tal-emerġenza mingħajr telf ta' ħin fuq tfittxija għal toroq jew lokalijiet inqas magħrufa. Għen ukoll sabiex jekk ikollok nformazzjoni 'nqas dettalajata ta' lokalita', bħal per eżempju għandek l-isem ta' triq biss; l-apparat janalizza l-lokalita' rikjesta u jiggwida lix-xufier fl-inqas triq qasira, kif ukoll jibqa' jikkoreġi xi żball jew dewmien li jirriżulta minħabba konġestjoni tat-traffiku jew xogħolijiet fit-toroq li jfixxklu l-wasla tal-units tal-Iskwadra Mobbli.

Apparti minn hekk, l-aġent assista mingħajr spejjeż sabiex il-mappi pprovduti jsirulhom xi żidiet li mhux normali li jkunu fil-pakkett għall-pubbliku ġenerali.

Bħala time-frame fir-rispons irriżulta li sar tnaqqis drastiku ta' bejn wieħed u ieħor bejn tliet minuti minn ħin oriġinali ta' vjaġġ ta' xi ħames minuti fuq vjaġġ fil-lokalita' immedjatata li mhux daqshekk magħrufa.

Dan l-apparat għen ħafna fix-xogħol ta' din l-iskwadra għax apparti li naqqas l-ħin tal-wasla naqqas in-neċċessita' li wieħed kien ikollu l-bżonn li jirreferi għall-mappi stampati li jkun diffiċli li wieħed jaqra fiċ-ċaqlieq ta' vettura li tkun qed tiġi misjuqa b'ċertu ħeffa. Fl-istess ħin għen ukoll għax naqas il-bżonn ta' stħarriġ għal direzzjonijiet mal-pubbliku ġenerali għal ċertu lokalitajiet, li bla dubju apparti jqajjmu ċertu kurżita' bla bżonn fil-pubbliku jista' jagħti lok għal tfixkil fix-xogħol tal-Pulizija.

L-apparat mixtri hu komdu għax jista' faċilment jinqala' mill-vetturi biex jiggwida l-Pulizija meta jridu jaslu fl-aħħar biċċa tal-vjaġġ bir-riġel (minħabba aċċess limitat) kif ukoll għal skop ta' manutenzjoni. Dan l-apparat jaħdem mas-sistema elettrika tal-vettura, bla spejjeż ta' xejn.

Iva, peress li dan l-apparat instab li kien wieħed utli, robust, jiflaħ għad-domanda tax-xogħol ta' kuljum u hu effiċjenti ħafna; hemm il-ħsieb sabiex jiġi ntrodott fuq il-vetturi li hemm assenjati fid-Distretti u fi branki oħra tal-Korp, kif ukoll fuq xi muturi tat-Traffiku.

# Kappelli fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

Fr. Ray Bonnici, OFM Cap

Il-postijiet tal-kult f'Malta u Għawdex huma ħafna kif jidher mill-knejjes sbieħ li għandna mxerrdin f'ħafna lokalitajiet tagħna. L-istili tagħhom huma diversi skont iż-żminijiet li fihom ġew mibnija. Iżda minbarra l-knejjes u kappelli li nsibu fl-ibliet u rħula tagħna, jeżistu wkoll ħafna postijiet tal-kult f'ambjenti oħra skont il-ħtiġijiet tal-post partikulari. Qiegħed nirreferi għall-knejjes u għall-kappelli li jinsabu fl-isptarijiet, fil-ħabs, fl-armata u oħrajn biex jaqdu l-ħtiġijiet ta' min jaħdem u jiffrekwenta dawn il-postijiet.







Il-Korp tal-Pulizija wkoll għandu għadd ta' kappelli biex jaqdu l-ħtiġijiet spiritwali tal-membri tiegħu. Il-Kwartieri Ġenerali minn dejjem kellhom il-kappella bil-preżenza tas-Sagrament Imqaddes biex il-membri tal-Korp jkunu jistgħu jżuruh u hemmhekk jagħmlu t-talb tagħhom minbarra l-Quddies ta' kull nhar ta' Ħadd u fl-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u l-funzjonijiet liturġiċi l-oħra kollha bħal Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa. Il-Korp għandu wkoll tliet kappelli oħra li minkejja li fihom ma jinżammx is-Sagrament Imqaddes fihom isir il-quddies regolari. Dawn il-kappelli jinsabu fl-Akkademja, fil-Forti ta' Sant'Iermu, fil-Kwartieri tal-SAG, f'Ta'Kandja u f'kappella oħra fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex.

Ta' min isemmi li fil-Kappella tal-Kwartieri Ġenerali għandna numru ta' oġġetti sagri ta' importanza mhux żgħira. Fosthom insibu kurċifiss li għalih hemm devozzjoni qawwija li skont ex-pulizija u ġirien tal-Kwartieri Ġenerali jiftakruh espost fis-sala, illum imsejħa Vilhena, iżda meta kien għadu sptar kienet waħda mis-swali prinċipali tal-morda u kienet tissejjaħ is-sala tas-Salib. Diversi huma l-wegħdi li kienu jsiru quddiem dan il-Kurċifiss kif jidher minn numru sostanzjali ta' ex-voto li għadhom preżenti fil-kappella u juru l-fiduċja u l-imħabba li kellhom dawk kollha li kienu jersqu għat-talb tagħhom quddiem din ix-xbieha ta' Ġesu Msallab.

Jista' jkun li d-devozzjoni lejn dan il-Kurċifiss kienet waħda mir-raġunijiet li fil-passat kienet użanza li l-Arċisqof ta' Malta iżur il-Kwartieri Ġenerali u jiċċelebra quddiesa solenni nhar il-Festa tas-Salib, li qabel ir-riforma liturġika kienet tiġi ċċelebrata fit-3 ta' Mejju kif jidher mir-ritratti antiki li għad għandna fis-sagristija b'tifkira ta' dik l-okkażjoni. Kien mument fejn l-Arċisqof kien ikollu okkażjoni biex jiltaqa' mal-fizzjali u l-membri tal-Korp u jwassal il-messaġġ tiegħu.

Fuq xewqa tal-Kummissarju dan l-aħħar beda xogħol estensiv ta' manutenżjoni u tisbiħ fil-kappella biex tingħata dehra kompletament ġdida. Għal dan il-għan ġie avviċinat ir-Rev. Ġino Gauci, espert fil-qasam ta' restawr fil-knejjes f'Malta u wara diskussjonijiet mal-Kummissarju għamel il-proposti tiegħu fejn jekk Alla jrid, ma ndumux ma' naraw ir-riżultati fil-Kappella l-ġdida.

Il-motto tal-Korp tal-Pulizija huwa *Domine Dirige Nos*, għalhekk għandna għalfejn nirringrazjaw lill-Mulej li mhux biss minn dawn il-kappelli f'postijiet differenti jkun Hu li jmexxina, iżda huwa mportanti li ħajjitna kollha tkun post fejn jgħammar Alla f'qalbna biex iwassalna għall-paċi dejjiema. Il-Mulej jbierek u jħares lilkom u lil għeżież tagħkom minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem.


The New Collection
is now at JB Stores
JB
STORES
Curtains - Carpets - Home Textiles -
Household Goods - Haberdashery -
Clothes - Fashion Fabrics
Open All Day
Iklin - Fgura - Hamrun - San Gwann T: 23314301/3 www.jbstores.com

# L-Okkorrenzi

Bla dubju ta' xejn li wieħed mill-fenomeni jew tendenzi tal-bniedem huwa l-ħtieġa li jistaqsi u jfittex dwar dak li jkun ġara fl-imgħoddi. Il-ħtieġa li jagħmel ir-riċerka twasslu sabiex jiskopri dak li ħafna drabi jkun għadu mhux magħruf jew jekk magħruf mhux elaborat u ndikattiv biżżejjed għal ħtiġijiet esploritattivi tiegħu jew oltre'.

Għalhekk ser norbot din l-introduzzjoni ċkejkna mill-ewwel mas-suġġett tal-artiklu tiegħi li kont ilni ħafna bix-xewqa biex nikteb dwaru. L-Okkorrenzi tal-Pulizija, dwar dawn nistqarr li minn dejjem ħassejt ċertu nteress partikulari u li fil-fehma tiegħi huma sors ieħor interessanti ta' studju komparattiv għal żminijiet partikulari, tieqa oħra li minnha wieħed jista' jittawwal u jimrah fuq manuvri u movumenti soċjali tal-imgħoddi b'mod analitiku u b'paragunar ma' sistemi aktar moderni. Għodod li permezz tagħhom tinftiehem aktar l-anima u l-metodi kwalitativi tal-infurzar, f'kuntesti differenti min-naħa u l-aspett antropoloġiku li jiddomina min-naħa l-oħra.

Għal min forsi mhux intiż jew mhux b'ċertu profondita', l-okkorrenzi għandhom żewġ għanijiet prinċipali, r-reġistrar ta' dak li jiġi rrapurtat taħt ġeneri differenti, li konsiderevolment jispiċċaw quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-istorja minnha nfisha. Kienet u għadha qed tiġi rreġistrata l-istorja f'kuntesti partikulari, fejn ironikament it-traġedja u l-iżvintura li jgħaddi minnhom fil-ħajja tiegħu l-bniedem jiddominaw f'dawn il-volumi.

Qabel xejn nixtieq ukoll norbot, biex niddeskrivi aħjar il-kelmiet Okkorrenza mal-kelma Kronista. Okkorrenza li b'diversi ilsna Ewropej tfisser dak li ġara jew li qed iseħħ u l-kelma Kronista tfisser dak ix xi-ħadd li qed jirreġistra, jikteb jew jirrekordja dak

PS 1133 J. Borg - it Tieni Distrett



li qed jiġri, mhux neċċesarjament quddiemu iżda wkoll għax ikun ġie rrapurtat lilu permezz tal-uffiċju jew l-awtorita' tiegħu.

**L-Aspett Storiku, Lingwistiku u Metodoloġiku**

Nafu li l-Korp tal-Pulizija ta' Malta uffiċjalment twaqqaf nhar it-12 ta' Lulju tas-sena 1814. Kien fl-era tal-ewwel żminijiet mill-ħakma tal-kolonja Ingliża u minn dak li għadna nistgħu naraw, ninnotaw li l-istruttura tal-okkorrenza nbidlet xi ftit matul iż-żmien (qed naċċena sa żmien is-sistema tas-C.O.B.- Commissioner's Occurrence Book, li spiċċa l-użu tiegħu fl-aħħar ta' Marzu tas-sena 1997 u ħaditlu postu uffiċjalment mill-1 t'April tas-sena 1997 is-sistema eletronika bl-isem akronomu PIRS-Police Incident Reporting System, biex f'Settembru tas-sena 2007 ġie aġġornat għal PIRS 2, is-sistema ta' rapurtaġġ li għada sservi sal-llum).



L-okkorrenzi ewlenin, apparti l-lingwa li kienu jinkitbu biha, t-Taljan, kellhom l-istruttura tagħhom u ta' ċertu dettalji inizzjali tvarja minn dawk li bdew jinkitbu lejn il-bidu tas-seklu għoxrin. (**ara l-immaġini tal-okkorrenza bit-Taljan***)

Innota wkoll li b'xi mod l-okkorrenza (f'ċerti każi żgħar) għalkemm kienet tkun konċiża ħafna, kienet isservi wkoll bħala abbozz tal-akkuża, biex minn hemm jibda l-proċess għall-akkuża b'aktar formalita' quddiem il-Qorti. Osservazzjoni interesanti oħra, hija li l-persuni msemmija f'kull okkorrenza, kien jitniżilhom il-laqam tagħhom personali jew tal-familja, qabel bin min ikun (fil-każ tal-missier-oriġini Semitika). Jekk tkun persuna tas-sess feminili, ikun irid jitniżżel l-isem tar-raġel flok tal-missier diment li tkun miżżewġa jew armla.

Barra milli dawn il-kotba kienu jinżammu tajjeb ħafna, tinnota li ċertu kitba li kienet issir bil-mezz ta' dak iż-żmien, il-pinna primittiva u l-inka, kellhom verament ċertu eleganza kali-grafika. Tistħajjel li kien ikun xi skrib tipikament tal-Benedittini. Għalkemm ukoll biex jingħad kollox, kont isib oħrajn fl-istess volumi; bħalma bosta drabi jiġri li bilkemm tkun tista' tagħraf dak li jkun inkiteb. F'dan il-perjodu tal-bidu l-kitba fl-okkorrenzi kienet tinkiteb minn persuna b'kariga ta' Surġenti Maġġur. Għalkemm minn ftit taż-żmien wara ma baqgħetx daqshekk konsistenti.

Il-lingwa mit-Taljan għall-Ingliż bdiet tinbidel qiesu lejn is-snin għoxrin. (**ara l-immaġni tal-okkorrenza bl-Ingliz***) Jingħad li kien għalihom l-Ingliżi, dan seħħ ħafna qabel. Iżda minħabba influenza t'oppożizzjoni li kienet teżisti bejn il-Knisja, l-Qorti u l-Kamra tal-Avukati, kienu baqgħu flimkien joġġezzjonaw għal din l-impożizzjoni tal-Ingliżi. Kienu ġabu l-argumenti tagħhom fuq il-punt tat-tradizzjoni twila u qadima li kienet teżisti f'Malta bejn il-lingwa tal-Latin u t-Taljan.

Dan wassal ukoll biex b'xi mod żamm milli l-kitba tal-okkorrenzi bl-Ingliż tidħol aktar tard u mhux fiż-żmien li kien ġie mponut. Ta' min isemmi li prinċipalment l-entitajiet imsemmija baqgħu joġġezzjonaw sal-aħħar dwar il-lingwa u mhux talli ma qalbux għall-Ingliż fiż-żminijiet li ngħataw, anzi meta ġie ż-żmien opportun mil-Latin u t-Taljan li kienu jużaw, qalbu għal-lingwa Maltija kif nafuhom aħna llum-il-ġurnata.

Simili ta' din il-ġrajja fejn għandha x'taqsam il-lingwa, kienet f'attentat li tiġri wkoll fi żmien il-Franċiżi. Napuljun kien esiġa wkoll li tinbidel il-lingwa mil-Latin u t-Taljan għal Franċiż. Dan kien bl-iskop li jiffaċilita' l-komunikazzjoni bejn Malta u Franza u xi bnadi oħra fl-aspett amministrattiv. Iżda bejn li similarment ġie argumentat l-istess minħabba t-tradizzjoni lingwistika, kif ukoll minħabba ż-żmien daqshekk qasir ta' sentejn ħakma, kien baqa' għaddej kollox mar-riħ.

*(*) Għażilt dawn l-okkorrenzi biex nippubblika f'dan l-artiklu bl-iskop partikulari, minħabba l-leġġerezza tal-informazzjoni li ġiet irrapurtata. S'intendi, ma kienx l-iskop tas-suġġett li nuri okkorrenzi b'xi ġrajja ta' natura drammatika. Għalhekk ridt li tiġi rrispettata l-informazzjoni sensittiva li wieħed jista' jimmaġina. L-istess laqmijiet li tiltaqa' magħhom fl-okkorrenzi, xi wħud għadhom magħrufa u jikkorrispondu ma familji li għadhom jgħixu fl-inħawi ta' fejn ikun ġara l-każ jew diżgrazzja.*

*(*) Estratt mill-1 u mill-119-il volum tal-kotba tal-okkorrenzi li kienu jinsabu ġewwa l-Għassa ta' Ħal Qormi.*



# Ħatra ta' 20 Surġent fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

Nhar il-25 ta' Ġunju, 2010 fis-Sala Vilhena, saret iċ-ċerimonja ta' ħatra ta' 20 Surġent, fejn għaliha kien hemm preżenti l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dott. Carm Mifsud Bonnici u d-Deputat Kummissarju s-Sur Joseph Cachia.

F'kelmtejn tal-okkazzjoni, l-Kummissarju tal-Pulizija saħaq fuq l-importanza li jġorr miegħu r-rank ta' Surġent fi ħdan il-ġerarkija tal-Korp. Qal li jekk is-Surġent ma jkunx tal-affari tiegħu, allura l-kumplament tat-tim jitlef il-kredibbilita' kollha għax ma jkunx serju f'xogħolu. Il-bidu f'kollox huwa tqil, speċjalment meta persuna tidħol f'ambjent li għaliha jkun ġdid.

*"Qatt ma għandna naqtgħu qalba għax is-serjeta' ġġib ir-responsabbilta'. Jekk inħallu kollox għaddej allura ħa ngħixu f'kaos totali"* sostna l-Kummissarju. Ix-xogħol tagħna bħala Pulizija jfisser li qegħdin hemm għall-poplu fl-elementi kollha – fil-bnazzi, iktar u iktar fil-maltemp, fil-biki u fil-ferħ.

"Aħna għassiesa tal-liġi", kompla s-Sur Rizzo. Saħaq li rridu nkunu qabel ma jseħħ ir-reat u dan isir biss meta nużaw il-poteri mogħtija lilna mil-liġi u nużawhom sew. Iridu nkunu mal-poplu, li aħna t-tarka tiegħu. *"Biex inkunu viċin tal-poplu r-rondi jridu jkunu frekwenti, għases miftuħa, irid ikun hemm iktar Community Policing".*

Huwa mportanti li meta bħala Pulizija nisimgħu xi ħaġa, naraw x'hemm u ninvestigaw u mhux inħallu l-affarijiet għaddejjin. Jekk hemm bżonn li l-persuna titressaq il-Qorti, ma noqgħodux lura, *"għax wara kollox dak huwa parti fundamentali minn xogħolna li naraw li ċ-ċittadin u s-soċjeta' tkun protetta sew. Jekk nagħmlu dak li huwa dovut li nagħmlu kollettivament, pajjiżna jkun ħafna aħjar".*

Sar aċċenn ukoll fuq affarijiet li s-Surġent għandu jagħti iktar attenżjoni waqt il-qadi ta' dmirijietu, kif ukoll meta ma jkunx liebes l-uniformi. Mhux biss li wieħed ikollu l-uniformi nadifa, imma l-ambjent li qed jaħdem fih irid ikun miżmum tajjeb, bħal ma jrid ikun l-apparat li juża'. Dan għandu jiġi protett, u dan mhux biss għas-sigurta' tiegħu imma wkoll għal ta' madwaru.

Importanti kien il-kumment li sar fuq il-handover. Ħafna drabi din ma tingħadix kif suppost u allura mhux dejjem ikun

> *Ix-xogħol tagħna bħala Pulizija jfisser li qegħdin hemm għall-poplu fl-elementi kollha – fil-bnazzi, iktar u iktar fil-maltemp, fil-biki u fil-ferħ.*



hemm kontinwita fix-xogħol. *"Huwa għalhekk importanti li tittieħed azzjoni minflok ikollna nies li jiġu jirrapurtaw għax ma għamilniex xogħolna sew, għax imbagħad jibdew il-konsegwenzi. Importanti li jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa, hu min hu. Ma rridux inkunu passivi li, il-ħażin għax aħna mħallsin mit-taxxa tal-poplu".* Tenna li l-korruzzjoni mhux posta fil-Korp tagħna, fejn qal li *"din mhux ittolerata għax jekk taqa' darba taqa' dejjem għax jidħol l-element tar-rikatt – itlaq għax ma tkunx tap-partjeni iżjed lil Korp tal-Pulizija".*

Irringrazzja lil dawk preżenti u awguralhom kull suċċess fil-qadi ta' dmirijithom.

Il-Ministru Dr Carmelo Mifsud Bonnici kompla fuq dak li sostna l-Kummissarju, fejn qal li huwa ta' pjaċir għalih li fi ftit żmien qasir kellu żewġ sodisfazzjonijiet – dik preżenti u l-ħatra ta' numru sabiħ ta' rekluti.

Id-dixxiplina hija għodda importanti li l-Pulizija għandha tagħraf tuża' sabiex tikseb is-suċċessi li taħdem għalihom. *"Mhux sew li jkollok persuna waħda li tagħmel il-ħsara, għax jirrifletti ħażin fuq it-tim. Huwa importanti li s-Surġent iżomm id-dixxiplina għax b'hekk il-poplu jkun iżjed moħħu mistrieħ".* L-imġieba hija mportanti wkoll għax il-poplu l-ewwel li ser imur għal għajnuna hija għand il-Pulizija.

Il-Ministru sostna li l-pajjiż jiddependi ħafna mill-Pulizija, u għalhekk jekk ma nkunux kapaċi nżommu l-ordni, il-pajjiż jaqa' f'kaos assolut. U dan ma għandux ikun għax jemmen li l-uffiċjali tal-Pulizija huma tajbin biżżejjed biex jagħrfu jagħrblu t-tajjeb mill-ħażin.

Irringrazzja lil kull membru fil-Korp għas-sagrifiċji li jsiru, u dan xi kultant għad-detriment ta' ħajjet l-istess Pulizija, fejn huwa jħossu kburi li jagħmel parti minn din il-familja.




# THE ECCO SOLUTION:

vibram®



Art. 68783 Size. 35 – 41
Art. 68784 Size. 39 – 46



Art. 68773 Size. 35 – 41
Art. 68774 Size. 39 – 46



Art. 68753 Size. 35 – 41
Art. 68754 Size. 39 – 46

They are currently being delivered to the Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue and Security and Traffic Wardens.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt
Also available from "Lucky Shoe" Tigrija Palazz, Victoria, Gozo Tel: 21559335

Our current seasonal collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

Superbrands

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT

ecco®

# Omelija mill-Arċisqof ta' Malta Pawlu Cremona f'Jum il-Pulizija



Ħuti, r-realta' u l-ħajja li ngħixu, nistgħu nħarsu lejha b'ħafna modi, minn ħafna angoli. U jkun hemm diversi valuri li permezz tagħhom, aħna nħarsu lejn din il-ħajja. Imma meta niġu hawnhekk fi Knisja, f'tempju t'Alla, aħna nkunu qegħdin infittxu realta, valuri li jmorru lil hinn minn dik li hija l-esperjenza purament umana tagħna imma nidħlu f'dak il-mod li Alla l-Imbierek iħares lejn ir-realta tagħna u nagħmlu riflessjoni fuqha biex anke għalina tista' tkun ta' dawl għal dawk li jaċċettaw.

Meta nitkellmu fuq Alla aħna għandna din l-interpretazzjoni ta' l-istorja umana. Għandna l-ewwelnett Alla l-Imbierek li jħobb lill-bnedmin, lil kull bniedem, hu min hu, b'imħabba infinita. Tant hu veru li kull bniedem jagħmlu xbieha tiegħu. Imbagħad Alla l-Imbierek meta kellu għażla, skont l-interpretazzjoni tal-Ġenesi jibqax iħobb lill-bniedem, anke wara li dineb, l'għażla tiegħu kienet: iva, jiena nibqa' nħobbhom, ovvjament nipprova nwassalhom lejn dik it-tjubija li fiha ħlaqthom. Mhux talli hekk talli hu ddeċieda li jibgħat lil-Ibnu fid-dinja biex Sidna Ġesu Kristu jidħol f'din ir-realta tal-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin.

U għalhekk spiċċa fuq is-salib. U allura lil kull bniedem li jemmen fih, Alla jixtieq li hi x'inhi s-sejħa tiegħu, anke fil-kuntest li aħna ngħixu, fil-poplu tagħna, kull bniedem jidħol f'din ir-realta, realta li toħroġ minn din il-fidi ta' l-imħabba t'Alla, tidħol fil-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin u tagħti s-sehem tagħha. Ippermettuli ngħidilkom li meta jien qiegħed nitkellem quddiem il-Korp tal-Pulizija, naħseb li dan irid ikun wieħed mill-punti importanti li għalihom intkom dħaltu f'dan il-Korp u fil-kuntest tas-soċjeta, naħseb li l-missjoni l-iktar kbira hija propja li tidħlu f'din ir-realta tat-tajjeb u l-ħażin.

Illum għadkom kemm smajtu l-Lezzjonijiet. Ma nafx jekk tafux li dawk il-lezzjonijiet ma għażilnihomx aħna; min sama' l-quddies illum, semagħha fejn semagħha, sama' dawk l-istess lezzjonijiet. U allura jiena nqishom bħala don ta' Alla l-Imbierek, inqishom bħala don li huwa xtaq li jiena naqsam magħkom. U mhu se nagħmel xejn ħlief infakkarkom xi smajna.

Il-kelma tal-Vanġelu tal-lum (Mt 10, 34-11,1). Ġesu jibda b'kelma qawwija. "Ma ġejtx inġib il-paċi fuq l-art iżda s-sejf". U Ġesu b'din il-kelma qed jgħidilna li jista' jkollna t-tentazzjoni li akkost li jkun hemm is-sliem, il-paċi, jiena ma nkunx lest li s-sejf jinfired minn dak li hu ħażin. Min jaf kemm sar tfixkil f'kull aspett tal-ħajja, anke fil-Knisja, u barra mill-Knisja għaliex xi ħadd ma jkunx lest li jagħmel din id-deċiżjoni li jiena ngħidlek: "Sa hawnhekk, imma sa hawnhekk, ta". U nibqa mixi f'dik it-triq li hi lejn it-tajjeb. Dan ifisser is-sejf. Jekk ma nkunx lest li f'xi mument, nagħmel is-sejf, ngħidlek: "Jien inħobbok, imma f'din ma nistax naqbel miegħek". Dik il-firda. Allura jista jkun hemm ċerti tfixkil.

It-tieni ħaġa li smajna: "Min jerfa' s-salib u jimxi warajja". Jekk nintelqu, qed jgħidilna l-Mulej Ġesu, aħna żgur li se

# DEDICATED MICROS

## SURVEILLANCE TECHNOLOGY FOR THE WORLD







For almost a quarter of a century, Dedicated Micros has constantly stretched the boundaries of CCTV technology. Not just in the research and science behind it, but in the imagination and vision that drives it everforward. And the result? Security and surveillance technology that is opening up a whole new world of exciting possibilities, and bringing the future a little closer each day.



- Casino and Online Gaming
- Banking
- Small, Medium to Enterprise Solutions
- Law Enforcement
- Transportation

The ability to deliver live and recorded video straight from any camera or hard disk direct to any desktop PC provides an extremely cost-effective method of increasing the number of control stations in the system. It also widens the value of the security system by opening up the real benefits of CCTV to other areas of the organisation.



www.dedicated micros.com

**DEDICATED MICROS MALTA**
BLB017, Bulebel Industrial Estate, Zejtun – ZTN 3000. Malta

Tel: +356 2381 9238 / +356 21483 673
Fax: +356 21449 170 • Email: sales@dmicros.com.mt

WINNER

IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·1 WINNER

IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·2 WINNER

naqgħu biex nagħmlu l-ħażin. Hemm pr-ezz, isemmih salib, x'jitħallas għat-tajjeb: il-biża' li nerfgħu dan il-prezz biex aħna nagħmlu t-tajjeb li kultant iżommna lura anke fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

It-tielet smajna: "Min isib lil ħajtu jitlifha, min jitlef lil ħajtu minħabba fija, isibha". U naħseb hawnhekk Ġesu qiegħed isem-milna daqsxejn ta' tentazzjoni kbira, li hija t-tentazzjoni ta' l-egoiżmu. Jekk jiena dħalt b'servizz għall-oħrajn, fil-mument li se nsib lil nnifsi, ħajti, ta' din il-ħajja u naqa' fit-tentazzjonijiet li jistgħu jkunu flus, jistgħu jkunu pjaċiri, huma x'inhuma. F'dak il-mument jien hem-mhekk tlift ħajti jiġifieri l-integrita tiegħi li jiena tajt għas-servizz ta' l-oħrajn.

"Min iħobb," din hija kelma tqila wkoll li qalilna Sidna Ġesu Kristu, "min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni, ma jistħoqqlux li jkun miegħi". U hawnhekk Ġesu għandu dawn id-drawwiet li kultant jasal biex jesaġera biex iwasslilna l-mes-saġġ. Wasal sa l-omm u l-missier. Ovvja-ment li Ġesu mhux qed jgħidilna li ma nħobbuhomx, imma qed jgħid li l-ebda bniedem minn din id-dinja, inħobbuh kemm inħobbuh ma nistgħu inħalluh ifixkilna milli nibqgħu nimxu wara t-tajjeb. Min jaf, forsi waħda mit-ten-tazzjonijiet tagħna tkun: noġgħob lil dak, noġgħob lill-ieħor. Hija tant umana, tiġri lilna lkoll. Minn jaf kemm kien hemm li tfixklu propju għaliex pjaċir mhux pjaċir, jew xi ħaġa hekk, u allura tkun il-bażi ta' kull tfixkil li aħna nkunu qed ngħixu f'kull sejħa tagħna. Qed ninkludi l-Knisja, imma b'mod speċjali qed ngħid illum: "Ejjew nagħmluha tidħol ġewwa qalbna propju fil-Korp tal-Pulizija".

Fl-ewwel lezzjoni tal-lum (Is 1, 10-17), aħna smajna lill-profeta Isaija u naħseb li l-profeta Isaija qed iwasslilna l-kelma: imma għaliex saret din il-quddiesa? Ħa npoġġieha hekk: imma għaliex isiru l-laqgħat mal-Mulej? Qed ngħid hekk mhux biex nikkritika, anzi biex joħroġ il-ġid iktar minn din il-laqgħa li aħna qegħdin nagħmlu f'isem il-Mulej. Hu jgħid hekk: "'X'inhuma għalija l-ħafna sagrifiċċji tagħkom?' jgħid il-Mulej". Il-Lhud kienu joffru ħafna sagrifiċċji barra minnhom, annimali li kienu jiswewlhom il-flus u jagħtuhom lil Alla. U Alla: "Dawk kollha tiegħi! Xi trid tagħtini dawk? Jien għandi minn dawk. Jiena taf x'irrid? Irrid lilek. Is-sagrifiċċju, l-quddiesa huwa l-mument fejn int trid toffri lilek innifsek lili".

Ħa nfakkarkom xi smajna fis-Salm (S 49, 23): "Min iroddli sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, isebbaħni". Jieħu gost il-Mulej għax qed nagħtuh radd ta' ħajr biex nifitħu qalbna aktar ħalli nirċievu aktar don minn għandu. Huwa jkompli: "U lil min jimxi bis-sewwa, nurih is-salvazzjoni ta' Alla". Jiġifieri dan il-mument, meta niltaqgħu flimkien, huwa l-mument fejn l-aktar ħaġa importanti – la din il-Knisja, la l-fatt li qegħdin kollha flimkien – imma jien personali quddiem Alla l-Imbierek. U l-frott ta' kull laqgħa li aħna nagħmlu huwa daqskemm noħroġ minn hawnhekk ġo fija nnifsi u nkun bniedem ġdid.

Ħa nfakkarkom x'qalilna Isaija. Jgħid hekk: "Inħaslu u tnaddfu, neħħu l-ħażen ta' għemilkom minn quddiem għajnejja. Ieqfu mill-ħażen". Din hija sejħa ta' kull min jiġi quddiem Alla l-Imbierek. Ma jistax ma jgħidilniex l-Mulej jekk irid it-tajjeb tagħna. Importanti li niftakru fiha, li kull darba qed jgħidlu: x'hemm ħażin f'ħajtek? Forsi nistgħu nagħmluha, jien u intkom, illum ġewwa qalbna. X'hemm ħażin f'qalbi, bħalissa li qed nagħmel? U l-Mulej qed jgħidli: inħasel, tnaddaf ħalli tkun verament dak li jiena nixtieq li inti tkun għal ġid tiegħek u ta' l-oħrajn.

It-tieni ħaġa li jgħid Isaija hija kelma qawwija ħafna. Jgħid, araw ftit, qed jagħmlilna programm: "Tgħallmu agħmlu t-tajjeb" Għalina l-insara, fejn hu t-tajj-eb? Hemm il-kelma t'Alla, il-Vanġelu, hemm jinsab it-tajjeb, hemm għandek issib ir-regola żgura ta' kif se timxi skont il-Mulej. Hawnhekk "fittxu d-dritt". Id-dritt. Ma kienx qed jitkellem Isaija fuq id-dritt bħala liġi. Qed jgħid il-bażi ta' kull liġi x'inhi? Hija d-dinjita ta' kull persuna u d-drittijiet ta' kull persuna. Fittxu dak li huwa d-dritt tajjeb ta' kull persuna. Mhux il-massa, imma ta' kull persuna. "Sewwu l-inġustizzji" u jiena ngħid din hija missjoni. Ħa npoġġieha hekk. Jiena u intkom ikollna tliet mis-sjonijiet, tlieta mhux waħda. L-ewwel missjoni ġo fija, l-ewwel missjoni irrid nimbidel. It-tieni missjoni hija fil-Korp, fil-każ tiegħi fil-Knisja.

It-tielet missjoni mbagħad hija x'se nagħmlu barra mill-Korp, u x'se nagħmlu aħna barra mill-Knisja. Imma dawn it-tliet missjonijiet huma ta' kull wieħed u waħda li verament irid jgħix imdaw-wal minn dak li qal il-Mulej. Hu jgħid hekk: "Iddefendi lill-iltim u lill-armla". Sfortunatament fejn il-qawwa, hi x'inhi qawwa ta' flus, tista' tkun ta' tentazzjoni, qed jgħid: ibdew mill-aktar żgħar għax dawk l-iktar dgħajfin, tkunu tafu kemm qed tgħixu dritt jekk kapaċi tiddefendu anke dawk li huma l-iltim u l-armla.

Biex nagħlaq, ħuti, il-konklużjoni. Nixtieq li nuri l-apprezzament tiegħi personali, tal-Knisja, tal-poplu ta' dawn il-gżejjer, għal din il-misjoni li intkom dħaltu għaliha. Kunu kburin minn din il-missjoni tant essenzjali għal kull pajjiż li huwa l-Korp tal-Pulizija. It-tieni missjoni: kull wieħed u waħda minnkom ħossukom responsabbli, tintilfux fir-responsabbilta tat-totali; kull wieħed u waħda minnkom irid jieħu fuqu r-re-sponsabbilta tal-Korp kollu; t-tajjeb se jirrifletti fuq il-Korp, dak li mhux tajjeb dak se jirrifletti fuq il-Korp, dik hija l-vera mħabba lejn il-Korp.

U l-aħħar ħaġa ma nistax ma ngħidhiex la jiena Isqof f'pajjiż nisrani. Araw ftit, ma tistax timponiha fuq ħadd imma araw ftit dawk minnkom li tħossu li jiena li nkun nisrani ma tistax tkun kelma, trid tkun mod ta' ħajja. Araw ftit li tagħtu din it-togħma li semmejna 'l dan il-Korp li hija togħma li ġejja minn għand Alla l-Imbierek.

Nagħlaq. Għal min jixtieq – kulħadd għandu l-ktieb – jekk imbagħad meta tmorru lura u dawn iż-żewġ lezzjonijiet teħduhom bħal don minn għand Alla u terġgħu tifluhom, araw x'hemm fihom. Jiena ċert li jservi ħafna lil kull wieħed u waħda minnkom u minna wkoll għal Korp u permezz tal-Korp għall-pajjiż kollu.

# Fl-Okkażjoni tal-195 sena mit-twaqqif tal-Korp



## Quddies fil-Kappella taċ-ċimiterju tal-Addolorata 4 ta' Lulju 2010







## Attivitajiet Madwar Malta

















## Riċeviment fl-Akkademja tal-Pulizija









## Open Day fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija






















## Pet show fit-Taqsima tal-Klieb tal-Pulizija

























## Hobbies

















## Riċeviment għal Uffiċjali tal-Pulizija







## Attivitajiet f'Għawdex














# Designing Lifestyles

## fine quality

wallunits









ulf furniture

**Ultralux Furniture Ltd.,**
27, Industrial Estate, Luqa LQA05 - Malta
Tel\Fax: 21 250 398 • Email: ulf@maltanet.net

**Unique Design** | **Fine Quality**

***All our furniture is manufactured locally.***

Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

# You'll love us for...



...our commitment to offering you the freshest products and the widest choice.

...constantly providing you with the best offers at the best prices.

...the fun you have saving money.

**Special Offer**
Spend €100 and get 5 free (1.5L) soft drinks or 3 free packets of Kristal water

**Only we offer you the widest choice at the best prices!**

The Mall, Park Towers, St. Julians Tel: 2137 8520
Psaila Street, Santa Venera Tel: 2148 0807

Carrefour
Europe's leading supermarket chain.


THE GREAT, NOT TO BE MISSED
STOP
ORIENTA
WAREHOUSE SALE!
Showroom items at Warehouse Prices!
all items available from stock
Ta' Qali - Next to the New American Embassy
Tel: 21419872, 21445733
www.orienta.com.mt
Ta' Qali Warehouse
OPEN ALL DAY
Saturday 16 & Sunday 17 October


Apollo
Happie-Duo
Kleine Happen
NIBBLES WITH BEEF
5 TWISTED STICKS
BEEF, LAMB & CHICKEN
Nibbles with Beef
Chewing strips with Beef & Liver
Twisted Sticks with Beef, Lamb & Chicken
Apollo
Super Premium Quality Complementary Pet Food for Dogs
Collect packet and exchange for gifts at:
CD Gift Scheme Centre,
Vincenti Buildings,
15/2 Strait Street,
Valletta.
Tel: 2123 6629
Trade Enquiries
Tel: 2146 0375
GIFT SCHEME
A BETTER WAY TO SAVE

# Il-parteċipazjoni tal-Pulizija ta' Malta fil-158 Anniversarju mit-twaqqif tal-Pulizija tal-Istat Taljan

PS1314 Raymond Ambrogio - Skwadra Mobbli

Fix-xahar ta' Marzu 2010, il-Kap ta' l-Italja tat-Taqsima CEPOL, Salvatore Siena; f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija ta' l-Istat Taljan, is-sur Antonio Manganelli; bagħat stedina l-Korpi tal-Pulizija kollha fi ħdan l-Unjoni Ewropea biex jibgħatu tliet Pulizija akkumpanjati b'vettura tagħhom ħalli jipparteċipaw fil-158 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' l-Italja magħruf bħala *'Polizia di Stato'.*



Kull rappreżentant kien mistieden jieħu miegħu l-bandiera nazzjonali; ħalli tintuża' waqt iċ-ċerimonja ġewwa Piazza del Popolo, f'Ruma. It-tema' magħżula għal din l-okkazjoni kienet: *'L-Unjoni Ewropea u l-koperazzjoni bejn il-Pulizija tagħha.'*

Din is-sena kienu nominati l-Kuntistabblijiet 1335 Duncan Schembri u 986 Paul Spiteri u jiena. Il-Kuntistabbli Paul Spiteri irtira n-nomina u ntgħażel minfloku P.C. 527 Stephen Camilleri. Bħala vettura ntagħżlet il-M70 mill-Ispettur Anthony Aguis. Inżid ngħid li P.C. 1335 kien strumentali għal indafa tal-vettura u li tkun f'kundizzjoni tajba.



Għal din l-okkazzjoni saru *souvenirs* li tħallsu mill-membri msemmija hawn fuq, kif ukoll ingħatajna xi materjal fil-lingwa Maltija u dik Taljana mill-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta, fejn minn hawnhekk nirringrazzjawhom għall-koperazzjoni tagħhom. Bla dubju ta' xejn, dan kien reklam tajjeb kemm għall-Korp tal-Pulizija Maltija kif ukoll għal Malta. Ringrazzjament kbir u partikolari jmur għall-Assistent Kummissarju Antoine Casha li bis-saħħa tiegħu kellna trattament impekkabbli mill-Ambaxxatur Malti f'Ruma, u l-membri kollha li taw sehemhom sabiex din l-avventura sseħħ.



Tlaqna minn Malta bil-Katamaran minn Pinto Wharf il-Ħadd 9 ta' Mejju bid-destinazzjoni tkun Pozzallo. Mal-wasla tagħna sibna *l-Polizia Stradale* jistennewna fejn ġejna skortati sa Messina, tul ta' madwar 220km. Minħabba t-tul tat-triq, kif ukoll sabiex nimlew il-vetturi bil-fjuwil, ma naqas li f'dan il-mument qsama ftit mill-esperjenza ta' fuq ix-xogħol mal-kollegi tagħna Taljani. Sakemm konna qed nistennew il-vapur iltqajna ma' supporters tas-Sampdoria li kienu niżlu jsegwu t-tim tagħhom kontra Palermo. F'erbgħin minuta qsamna għal Villa San Giovanni minn fejn kompliet l-avventura tagħna għall-Akkademja tal-Pulizija Taljana ġewwa Nettuno.



Ta' min jgħid li sakemm wasalna konna għamilna 937km f'ħin ta' 15-il siegħa. Matul din it-triq, waqafna darbtejn, f'Eboli u f'Rosinone, fejn ukoll l-iskorta li kellna magħna inbidlet kemm-il darba.

Giorgio Schiro u Daniel McGlynn kienu l-persuni nkarigati mill-kontingenti,


MULTIFILM®
Perfection for windows.
Heat Reflective!
Vertical Blinds
Roller Blinds
Façade Blinds
Up to 30% energy saving
Importers of high quality German products
Sheffield Imports
www.sheffieldimports.com
178/180, Main Str, Siggiewi
Tel/FAX: 00356 21 464693
Mob: 00356 99442805 | 00356 99256474
info@sheffieldimports.com


Potterware
LIMITED
Established 1978
8
Santa Marija
12
Dove Court
2
15
Rojolin
35
Letters
101
12
The Roses
8
20 Evening Falls
Sunny House
9
Ta' Żeppi
2
Tal-Fjura
Seashell
33
Sunshine
22
Sunshine
22
Tal-Lumija
The Town House
3
405
33 Sunrise
12 Marija
TRIQ WINDSOR
Malta Dancesport Association
Factory: 160, Ta' Qali Crafts Village, Ta' Qali RBT 13 Malta
Tel: 2141 4773, 2143 0951 Mob: 7942 7365 Fax: 2141 5239
E-mail:dmenterprises@potterware.eu Web: potterware.eu


we solve humidity problems, flaking & dusting walls
restoration products
lime products
linseed oil paints
hydraulic lime products
moroccan tadelakt materials
modern - deffun
bees wax
bio paint stippers
..... and much more
lime
building products
visit our new showroom or call for a free on-site consultancy
Triq San Giljan, San Gwann SGN2801
tel: 21 45 70 22
fax: 21 45 70 21
mob: 79 91 37 09
email: limeproducts@spikenet.net.mt
www.limebuildingproducts.com
natureplus
Unilit
CORIDECOR

fejn mal-wasla tagħna urewna d-dormitorju u tawna wkoll packed lunch kull wieħed.

It-Tnejn 10 ta' Mejju attendejna laqgħa mexxija minn Giorgio Schiro, l-bniedem responsabbli għal kontinġenti u l-Kmandant tal-parata Dr. Ciolfi. Il-laqgħa kienet dwar kif se ngħaddu dik il-ġimgħa u rajna filmat ta' snin ta' qabel. Il-Kontinġent kollu ġejna mdawra mal-Akkademja, fejn segwejna għal taħriġ li kien għaddej tal-klieb kif ukoll dħalna fl-*indoor shooting range*.

Kien hawnhekk li ħadt l-okazzjoni li ngħid li l-Pulizija ta' Malta għandna l-opportunita' li nagħmlu taħriġ fl-isparar darba fix-xahar waqt il-ħin tax-xogħol, u li aħna mgħamra b'*taser gun u pepper spray*. L-instructor infurmana li huma jagħmlu taħriġ fl-isparar darba fi tlett xhur u jgħir għalina li aħna armati *bit-taser gun u bil-pepper spray*. Wara dawra tajba mal-Akkademja; żorna ċimiterju militari Amerikan f'Nettuno.

Il-jiem ta' wara kienu xi ftit movimentati fejn bdew ir-rehersals ta' kif kellhom imorru l-affarijiet – il-preżentazzjoni tal-bnadar, il-parata nnifisha u kif kellu jkun l-andament tal-ġurnata nnifisha.

Ma naqasx li tqum kurżita fuq is-salib li ġġorr il-bandiera u t-tlieta li aħna b'sidirna pupat spjegajna fil-qasir kif missirijietna d-defendew bi qlubija kbira gżiritna waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Wara r-*rehersals* żorna l-Vatikan u wara nofsinhar il-parteċipanti kollha soqna l-vetturi rispettivi tagħna mill-iskola tal-Pulizija Taljana għal *Piazza del Popolo*.

Il-Ħamis, wara li erġajna attendejna għal sezzjoni ta' taħriġ, wara nofsinhar l-organizatturi dawruna ma' postijiet ta' interess f'Ruma, bħal *Piazza del Popolo* għal *Piazza di Spania*; mxejna ħdejn il-fontana Trevi fejn jien ħadt l-okazzjoni nitfa' xi ftit muniti tal-Ewro. Wara, mxejna għal *Pantheon* fi *Piazza della Rotunda*. Ma naqas li filgħaxija żorna l-*Coliseum* mdawwal fi sbuħija liema bħala.

Fl-aħħar waslet il-ġurnata tal-Ġimgħa 14 ta' Mejju - l-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-158 Anniversarju mit-twaqqif tal-Pulizija Nazzjonali Taljana. Il-parteċipanti kollha qomna kmieni, fejn għal ħabta tal-05:30 tlaqna minn Nettuno għal *Piazza del Popolo*. Iċ-ċerimonja bdiet għal ħabta tal-11 ta' filgħodu u nista' ngħid li bħala kontinġent Malti morna tajjeb ħafna. Kien ta' sodisfazzjon li l-Ambaxxatur Malti fl-Italja, l-Eċċelenza Tiegħu s-Sur Walter Balzan, ġie jżurna fejn esprima s-sodisfazzjon tiegħu lejn l-arma Maltija u l-ġieħ li konna qed nagħtu fir-rappreżentazzjoni tagħna. Huwa ndiskrivibbli l-eċċitament li avveniment bħal dan iqab-dek, meta jkollok nies minn madwar id-dinja qed juru nter-ess lejn il-Forza ta' pajjizek. Il-mistoqsijiet ma naqsux, kemm minn Pulizija li kienu preżenti u kif ukoll minn dawk li żaru din l-esebizzjoni. Saru tibdil ta' *souvenirs* kif ukoll tajna materjal li talajna magħna għal din l-okkazzjoni.







Kont intervistat ukoll mill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Pulizija Taljana fejn ġejt mistoqsi x'nikkummenta dwar il-motto tal-okkazzjoni *L-Unjoni Ewropea u l-koperazzjoni bejn il-Pulizija tagħha'*. Jien wieġibt li naqbel li jkun hawn Korp tal-Pulizija wieħed fi ħdan l-Unjoni Ewropea biex niġġieldu l-kriminalita' organizzata flimkien - *'Together for a safer Europe'*.

L-esebizzjoni kompliet is-Sibt 15 ta' Mejju fejn doqna ukoll ftit xita, fejn kienu diversi nies li ppużaw għar-ritratti kemm magħna kif ukoll mal-vettura. Ħadna pjaċir li l-Eċċ. Tiegħu l-Ambaxxatur Malti kellu l-pjaċir li jerġa' jżurna u jitkellem magħna.
Il-Ħadd filgħaxija, wara l-aħħar ġurnata ta' ċelebrazzjonijiet, attendejna għal *gala dinner* fuq il-Hotel Valadier, ftit passi 'l bogħod minn Piazza del Popolo. Preżenti għal din l-ikla kien hemm l-ogħla uffiċjali tal-Pulizija Nazzjonali Taljana, fosthom il-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur Antonio Manganelli. Tard bil-lejl il-Pulizija kollha parteċipanti soqna l-vetturi rispettivi minn Ruma għall-Akkademja tal-Pulizija Taljana f'Nettuno.


BIO
POWER
I RUN ON BIODIESEL
www.eorc.com.mt


GARMIN
Keep left to London Road
Abingdon
Oxford
Arrival 5:54
Menu
Turn In 2.3
GARMIN nüvi
nüvi sat-navs
STARTING FROM €130
Incl VAT
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS
4, Msida Road, Gzira
Tel: 2133 5521 • Mob: 7947 7728
admin@medcomms.com.mt
www.medcomms.com.mt


SPARK
The all-new Chevrolet Spark is all about fun, fashion and functionality.
With a bundle of extras, Spark comes at an unbeatable price.
PUT SPARK INTO YOUR LIFE!
MIRA MOTOR SALES LTD
MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES
Mriehel By-Pass, Mriehel BKR 3000 Tel: 2278 1278 Email: chevy@zamgroup.com
WWW.CHEVROLET.COM.MT
CHEVROLET

It-Tnejn 17 ta' Mejju tlaqna minn Nettuno biex nirritornaw Malta. Matul il-vjaġġ ġejna nfurmati li l-Katamaran kien ser jitlaq minn Pozzalo fit-3:30pm minflokk 09:30pm, u dan kien ftit diffiċli għalina li nsuqu d-distanza f'qasir ħin. Waqafna Colleferro u Eboli biex nimlew il-vettura bil-petrol.

Kif jgħid il-Malti, meta tidħol ifttħilha ħa tgħaddi. Kellna nagħmlu devjazzjoni għall-pompa tal-petrol ġewwa Campagna minħabba li l-Highway kienet magħluqa peress li kien hemm van li ħa n-nar. Kif kollox ġie għan-normal komplejna l-vjaġġ fejn f'Lamizia Terme il-Kap tal-Pulizija tal-lokal għamel kuntatt mas-Sur Schiro fl-Akkademja tal-Pulizija Taljana f'Nettuno.

Il-kap tal-Pulizija ta' Lamizia Terme nfurmana li l-Kap tal-Pulizija ta' Catania ser jieħu ħsieb fejn ser nalloggjaw. Komplejna l-vjaġġ tagħna minn Lamizia Terme għal Scilla u mbagħad soqna għal Villa San Giovanni fejn tlajna l-feri għal Messina. Kif wasalna Catania, l-Kap tal-Pulizija Taljana *Reparto Mobbile* f'Catania laqana tajjeb ħafna li bqajna b'ħalqna miftuħ. Is-Sur Pierro Gambuzza rranġa li noqgħodu ġewwa hotel b'erba' stilel jisima Nettuno!

Il-ġurnata li qattajna hemm kellna trattament ta' VIPs, fejn waħda mill-ħarġiet kienet fuq il-Vulkan Etna. Magħna kien hemm ukoll l-Assistent Kap Salvatore Squadrito u l-Aġent tal-Pulizija Roberto Romolo.

Is-Sur Pierro Gambuzza wera' x-xewqa li jsuq il-vettura tal-Pulizija Maltija u allura, wara t-trattament li tana ma stajniex ngħidulu le. Huwa tagħna *souvenirs* bl-emblema tagħhom kif ukoll bagħat *souvenirs* lill-Kummissarju tagħna John Rizzo. Konna eskortati lejn Pozzallo mill-Polizia Stradale u fid-9:15pm il-Katamaran salpa lejn Malta. F'siegħa u tliet kwarti wasalna Malta fejn l-avventura tagħna spiċċat f'baħar imqalleb.

Nixtieq ngħid fil-konkluzzjoni li kull Pulizija li ltqajna miegħu għoġbitu l-kundizzjoni li aħna l-Pulizija ta' Malta ngawdu u li nistaw nirtiraw bil-pensjoni wara 25 sena servizz. Il-maġġoranza tal-Pulizija fl-Unjoni Ewropea jistgħu jirtiraw bejn it-30 u 35 sena servizz. Inżid ngħid li din l-avventura unika żgur li mhux ser ninsewa qatt, dejjem grazzi għall-Kummissarju John Rizzo li tana din l-opportunita'. Min-naħa tagħna, aħna ġibna ruħna b'serjeta' u dixxiplina ħalli nżommu d-dekor tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Ma nistgħux ninsew il-mod tajjeb kif laqawna *il-Polizia di Stato* fl-Akkademja sabiħa tagħhom u s-servizz eċċezjonali li tawna matul il-mawra.




playmobil
FunPark
ONE FREE ENTRANCE on presentation of this advert.
Valid till end of 2010
Come and see where smiles are made and celebrate PLAY!
Bring your kids and participate in the fun and while you are here, have a healthy lunch at our Playmobil Cafetéria.
Playmobil Funpark, HF80, Industrial Estate, Hal Far
T: 2224 2445 E: funpark@playmobilmalta.com Oct-June: Mon-Sun 10.00hrs - 18.00hrs
BY BUS: ROUTE NO.13 FROM VALLETTA
BY CAR: PROCEED TO THE AIRPORT THEN FOLLOW THE SIGNPOSTS
playmobil.com
Free WiFi access at the Playmobil Funpark


ESPRIT
paper + friends
COUSINS
Trading Limited
Trade enquiries
Tel: 21 446967, 21493124, 9949 5366
Email: cousins@maltanet.net


BELL NET
INTERNET SERVICE PROVIDER
http://www
Residential ADSL Connections
Bridge Connections
WEB Hosting
Business ADSL Connections
24x7 Support
Virtual Servers
10, TRIQ IC-CAWSLI, QORMI
2147 2592/3
support@bell.net.mt
www.bell.net.mt

# Niltaqgħu mas-Surġent-Maġġur 24 Josephine Gauci

WPC 25 C. Cilia - CMRU

Meta fl-2001 dħalt fil-Korp tal-Pulizija u ġejt stazzjonata l-Vice Squad, l-ewwel persuna li sibt tilqani kienet propju lis-Surġent-Maġġur Josephine Gauci, dak iż-żmien Surġent, u bid-daħqa fuq wiċċha bħal dejjem qaltilna - *Għal magħna inthom hux.*

Kemm domt naħdem magħha tgħallimt mhux ftit, nista' ngħid li l-għajnuna u l-pariri siewja tagħha servewni mhux biss fix-xogħol, iżda fil-ħajja personali tiegħi ukoll. Naħseb issaqsi lil min issaqsi fil-Korp, is-Surġent Maġġur Josephine kulħadd jafha u dan minħabba li l-ħidma tagħha fil-Pulizija kienet dejjem eżemplari u l-karattru ferrieħi tagħha jagħmluha persuna partikolari.

Is-Surġent-Maġġur daħlet fil-Korp tal-Pulizja 32 sena ilu, propju fil-5 ta' Ġunju 1978 meta kellha 24 sena. Il-grupp li daħlet miegħu hi kien propju r-raba' grupp ta' nisa li kien daħal fil-Korp. Tiftakar li l-proċedura bażikament kienet l-istess bħal tal-lum, bid-differenza biss li ma kinitx għamlet akkademja qabel ħadet il-ġurament. Hija mill-ewwel ġiet stazzjonata l-*Vehicle Records Office* u għamlet l-ewwel tliet snin bħala Kuntistabbli, fejn kienet ukoll taħdem ġewwa l-Ħabs ta' Kordin kull weekend għassa mal-priġunieri. Kien f'dan iż-żmien li ddeċidiet tapplika għal surġent, fejn fl-4 ta' Ottubru 1981 inħatret bħala Surġent tal-Pulizija.

Is-Surġent-Maġġur qaltilna li dak in-nhar li ħarġu r-riżultati, hija kienet second watch il-ħabs u tiftakar li l-priġunieri kienu ferħu magħha, u bkew ukoll għax ma kienux ħa jarawha aktar. Wara l-promozzjoni tagħha hija baqgħet stazzjonata l-VRO. Tul l-erba' snin li għamlet f'dan l-uffiċċju, il-Maġġur kienet ukoll ġiet magħżula flimkien ma' pulizija oħra sabiex jagħmlu *staggering* tal-pjanċi tal-karozzi.

Kien f'dan iż-żmien fejn iltaqat ma' dak li llum huwa r-raġel tagħha, ex PC 1170 Michael Gauci, li dak iż-żmien kien xufier mal-ex Supretendent Ernest Spiteri. Il-Maġġur u Michael ilhom miżżewġin 24 sena u għandhom tifel ta' 22 sena, Melvin Gauci.

Meta daħal fil-Korp grupp ta' nisa oħra, kienet intgħażlet tagħmel l-*ad hoc course*, dak li aħna llum ngħidulu l-kors ta' l-Akkademja. Kienet għamlet sitt ġimgħat u fost l-attivitajiet li kien ikollhom kienu jagħmlu ħafna *training*, għawm u ftit lectures. Kif lestiet l-*ad hoc course* fl-1982 ġiet stazzjonata l-Uffiċċju ta' l-Għassa Ħaż-Żabbar fejn wara biss tliet xhur imxiet għal ġewwa l-uffiċċju ta' l-istatistika li kien jinsab faċċata ta' fejn illum hemm l-*Other Ranks Canteen.* Fis-sena 1984, il-Maġġur kienet intgħażlet taħdem l-uffiċċju tal-liċenzji, Lascaris Wharf minħabba li kien hemm *"backlog"* qawwi fil-liċenzji tas-sewqan.



Hemmhekk mingħajr ma jitħallsu għas-sigħat żejda li kienu jaħdmu, is-sigħat kienu twal mhux ħażin - fost il-ġimgħa bi tnax–il siegħa, kif ukoll jidħlu s-Sibt u l-Ħadd filgħodu. Dak iż-żmien il-Kummissarju tal-Pulizija kien Dr. Lawrence Pullicino, u meta l-*back log* fil-liċenzji kien tlesta bħala apprezzament tas-sigħat twal li kienu ddedikaw il-Pulizija tal-uffiċċju mingħajr ma tħallsu kien tahom għaxart ijiem franki.

Is-Surġent-Maġġur Josephine damet mhux ftit stazzjonata l-liċenzji, propju għaxar snin. Hija titkellem fuq dan iż-żmien b'ċertu nostalġija. Kemm-il darba smajtha tirrakkonta xi praspura 'l hemm u 'l hawn fosthom ta' meta kienet hi flimkien ma' kollegi tagħha u peress li l-break kien twil *siegħa u nofs* kienu jħobbu jmorru jimxu lejn il-break water biex "iserħu l-menti". Darba fost l-oħrajn ittardjaw xi ħames minuti biex daħlu lura l-uffiċċju, u propju dak in-nhar il-Kummissarju kien niżel ħdejhom. Peress li huma kienu marru jimxu mhux bl-uniformi, kollega tagħhom lemħithom deħlin u bdiet twadbilhom l-uniformi mit-tieqa sabiex jilbsu u meta jidħlu l-Kummissarju ma jindunax. Min jaf l-Assistent Kummissarju Josie Brincat qatx sar jaf b'din il-praspura għax dak iż-żmien is-Sur Brincat kien Spettur inkarigat mill-uffiċċju tal-liċenzji!

Tul dawn l-għaxar snin li għamlet il-liċenzji, is-Surġent-Maġġur kienet ingħatat tliet *transfers*, wieħed minnhom kien ħadha l-Għassa tal-Ħamrun fejn xogħolha kien ġewwa l-Isptar San Luqa tagħti ċ-ċitazzjonijiet u wara ħames xhur intbagħtet l-uffiċċju Ħal Luqa, pero' kellha tmur Raħal Ġdid għax l-uffiċċju Ħal Luqa ma kienx għadu jeżiżti. Wara ħmistax-il ġurnata hija ntbagħatet 'P' Division, iżda l-għada stess reġgħat ġiet stazzjonata l-uffiċċju tal-liċenzji. Tul dan il-perjodu l-Maġġur flimkien ma' ex-WPS 2 Mariella Mizzi kienu l-uniku żewġ Surġenti nisa għal-perijodu ta' ħdax-il sena.

Eżatt fit-8 ta' Ġunju 1993 is-Surġent-Maġġur Josephine ġiet stazzjonata l-*Vice Squad.* Dak iż-żmien din l-iskwadra kienet tinkorpora fiha l-frodi, drogi u l-vizzji u kienet taħt it-tmexxija


Logografix SIGNS
BECAUSE EXPERIENCE MATTERS
001
AVIS
medistone group
RIMMEL
BELAIR
2149 8829
7979 1515
Pace & Pace Co. Ltd.
392, Cannon Rd.
Sta.Venera SVR 9033
info@logografixsigns.com
www.logografixsigns.com


HÖRMANN
Garage doors for home and industry
HÖRMANN
Importers of high quality German products
Sheffield Imports
www.sheffieldimports.com
178/180, Main Str, Siggiewi
Tel/FAX: 00356 21 464693
Mob: 00356 99442805 | 00356 99256474
info@sheffieldimports.com


Citadelmotor
Citadelmotor toffrilek
• Protezzjoni tan-'No Claims Discount' b'xejn
• Servizz ta' irmunkar b'xejn
• Skont fuq karozzi b'emissjonijiet ta' CO2 baxxi, 'hybrid' jew li jaħdmu bl-elettriku
...u aktar (Termini w kundizzjonijiet japplikaw)
Skont ta' 15%* fuq l-assigurazzjoni tal-vettura sa l-aħħar ta' Diċembru 2010
Ċemplilna illum fuq freephone 8007 2322
jew żur is-sit www.Citadeldirect.com
Citadel insurance
Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Triq is-Suq • Furjana FRN 1082 • Tel: 2557 9000 • E-mail: info@citadelplc.com
Fergħat: Gżira • Ħaż-Żebbuġ • Naxxar • Raħal Ġdid • Intermedjarji fl-Assigurazzjoni Marbuta: Malta • Għawdex
Citadel Insurance p.l.c. hija kumpannija awtorizzata sabiex tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni ġenerali u fit-tul u hija regolata mill-Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

tal-ex Supretendent Daniel Gatt u s-Supretendent Sharon Tanti li dak iż-żmien kienet għadha Spettur. Maż-żmien dawn ġew skwadri separati kif nafuhom illum taħt tmexxija ta' AC's u Supretendenti differenti. Is-Surġent-Maġġur għadha sal-lum il-ġurnata stazzjonata fl-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji u kien propju f'din l-Iskwadra fejn laħqet fil-grad ta' Surġent-Maġġur fil-5 ta' Novembru 2009 u reġgħet ġiet ikkonfermata sabiex isservi fl-investigazzjonijiet ġewwa l-istess skwadra.

Ma stajtx ma nistaqsix fuq kemm attivitajiet ta' massa il-Is-Surġent-Maġġur kienet involuta fihom, fosthom in-numru ta' elezzjonijiet li seħħew dan l-aħħar 32 sena. Naħseb taqblu miegħi li dawn ma kienux bħal tal-lum. Biss biss dak iż-żmien l-ordnar għall-*meetings* ta' kull *weekend* kien jibda minn sena qabel. Semmejna wkoll id-diversi *strikes* li kienu partikolari bħal ma kien dan ta' l-aħħar tat-trasport u li huma l-*istrikes tar-refuse* u dak tal-ħobż. Is-Surġent-Maġġur semmiet ukoll meta fil-bidu tal-karriera tagħha fil-Pulizija, fil-pajjiż kienet għaddejja l-kwistjoni tal-*price control* u hi kienet kemm-il darba tiġi ordnata sabiex toħroġ pajżana u tixtri per eżempju xi ħaxix sabiex jkunu jistgħu jiċċekjaw il-prezzijiet.

Is-Surġent-Maġġur Josephine Gauci hija l-ikbar fl-eta' mill-Pulizija nisa kollha u l-iktar waħda min-nisa li għamlet servizz s'issa. Ix-xogħol tagħha speċjalment ġewwa l-iskwadra tal-Vizzji jibqa' jissema speċjalment fejn tidħol il-vjolenza domestika. Jien stess nista` nikkonferma x-xogħol siewi li hija għamlet u għadha tagħmel. F'diversi każijiet kont xhud tal-edukazzjoni, onesta` kif ukoll esperjenza li hija żvolġiet ix-xogħol tagħha.

Dejjem nisma' lis-Surġent-Maġġur tgħid "jien qatt ma mort Universita`, u dak li naf tgħallimtu bl-esperjenza tax-xogħol u tal-ħajja" u propju dan li dejjem għaddiet lin-nies li ġew għal-għajnuna tagħha u dejjem sabuha lesta b'parir u għajnuna. Ħafna minn dawn il-persuni kienu wara ċertu żmien iċemplula jew jarawha fit-triq u tismagħhom jgħidula "kollox għadu sew ta.. grazzi ħafna". Nemmen li dan huwa tal-ikbar sodisfazzjon għaliha.

Hija għadha sal-lum il-ġurnata tgħaddi l-esperjenzi tagħha tax-xogħol kemm lill-Pulizija meta tiġi msejħa tagħti *lectures* fl-Akkademja kif ukoll lin-nies pajżana meta tintalab tagħmel *talks* fuq abbuż tat-tfal u vjolenza domestika fl-iskejjel u f'diversi għaqdiet.

